Protezzjoni Ċivili 601

**Artikolu III-284** (ġdid) 601
X'Inhuwa Diżastru Ikkaġunat mill-Bniedem? 601
Anki l-Protezzjoni Ċivili b'Liġi Ewropea 601

**Sezzjoni 7** 603
Koperazzjoni Amministrattiva 603

**Artikolu III-285** (ġdid) 603
Liġi biex l-Istati Membri Jinfurzaw il-Liġi ta' l-Unjoni 603
L-Istati Membri Obbligati 603

**Titoli IV** 605
Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej 605

**Artikolu III-286** (ex Artikoli 182, 188 TKE) 605
It-Territorji Extra-Ewropej 605

**Artikolu III-287** (ex Artikolu 183 TKE) 606
Trattament l-Istess u Trattament Speċjali 606

**Artikolu III-288** (ex Artikolu 184 TKE) 606
Diskriminazzjoni fid-Dazji 607

**Artikolu III-289** (ex Artikolu 185 TKE) 607
L-Istati Membri Jkollhom Jittallbu 607

**Artikolu III-290** (ex Artikolu 186 TKE) 608
Liberta' tal-Moviment b'Liġi Ewropea 608

**Artikolu III-291** (ex Artikolu 187 TKE) 609
Anki Hawnhekk bil-Liġijiet Ewropej 609

**Titolu V** 610
Azzjoni Esterna ta' l-Unjoni 610

**Kapitolu I** 610
Disposizzjonijiet ta' Applikazzjoni Ġenerali 610

**Artikolu III-292** (ex Artikoli 3 (it-tieni sentenza), 11 TUE) 610
L-Unjoni fix-Xena Internazzjonali 610
Politika u Azzjonijiet Komuni 610
Il-Valuri Tagħha 611
Triq Tqarraq 611
Trid Tippriserva l-Paċi u Tagħmel l-Armata 611
Esplojtazzjoni 612
Trid Kummerċ Ħieles u Tagħmel Dazji u Levies 613
L-Ambjent Tippriservah bit-Taxxi? 613
Għajnuna għal Diżastri 613
Sistema Internazzjonali bi Gvernijiet Pupi 614
Tmexxija Globali 614
It-Tmexxija Kollha f'Idejn l-Unjoni 614

**Artikolu III-293** (ex Artikolu 13(2) TUE) 615
L-Interessi u l-Miri Strateġiċi ta' l-Unjoni 615
Proposti Konġunti lill-Kunsill 616

**Kapitolu II** 617
Politika Estera u ta' Sigurta' Komuni 617

**Sezzjoni I** 617
Disposizzjonijiet Komuni 617

**Artikolu III-294** (ex Artikoli 11, 12 TUE) 617
Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni mill-Unjoni 617
L-Istati Membri Marbuta Għal Kollox 617
L-Unjoni Tmexxi l-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni 619

**Artikolu III-295** (ex Artikolu 13 TUE) 619
L-Unjoni Tiddeċiedi u l-Istati Membri Jobdu 620

**Artikolu III-296** (ex Artikoli 18 (1-2), 26 TUE) 620
Żewġ Affarijiet Importanti 621

**Artikolu III-297** (ex Artikolu 14 TUE) 622
Azzjoni Operattiva mill-Unjoni 622
Deċiżjonijiet Ewropej Jorbtu lill-Istati Membri 623
Miżuri b'Urġenza 623
Diffikultajiet Maġġuri 623

**Artikolu III-298** (ex Artikolu 15 TUE) 624
Deċiżjonijiet Ewropej Jorbtu l-Istati Membri 624

**Artikolu III-299** (ex Artikolu 22 TUE) 624
Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill 625

**Artikolu III-300** (ex Artikolu 23 TUE) 625
Jistgħu Jastjenu 625
Maġġoranza Kwalifikata 626
Jibdlu l-Maġġoranza 627
Eċċezzjonijiet 627

**Artikolu III-301** (ġdid) 628
Posizzjoni Komuni 628

**Artikolu III-302** (ex Artikolu 18(5) TUE) 629
Rappreżentant Speċjali 629

**Artikolu III-303** (ex Artikolu 24 TUE) 629
Ftehim mill-Unjoni 629

**Artikolu III-304** (ex Artikolu 21 TUE) 630
Konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew 631

**Artikolu III-305** (ex Artikolu 19 TUE) 631
Kordinazzjoni ta' l-Azzjoni ta' l-Istati Membri 631
L-Istati Membri Jridu Jinfurmaw 632
Jiddefendu l-Posizzjoni u l-Interessi ta' l-Unjoni 633
Jistiednu l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin 633

**Artikolu III-306** (ex Artikolu 20 TUE) 634
Iridu Jiddefendu lill-Unjoni 634

**Artikolu III-307** (ex Artikolu 25 TUE) 634
Kumitat ta' Politika u ta' Sigurta' 635
Kontroll Politiku mill-Kumitat 635

**Artikolu III-308** (ex Artikolu 47 TUE) 636
Implimentazzjoni 636

**Sezzjoni 2** 637
Politika ta' Sigurta' u ta' Difiża Komuni 637

**Artikolu III-309** (ex Artikolu 17(2) TUE) 637
Użu ta' Mezzi Ċivili u Militari 637
Kordinazzjoni ta' l-Aspetti Ċivili u Militari 638

**Artikolu III-310** (ġdid) 639
Grupp ta' Stati Membri 639
Iżommu lill-Kunsill Regolarment Infurmat 639

**Artikolu III-311** (ġdid) 640
Aġenzija Għall-Armamenti 640
Xogħol l-Aġenzija 640
Kapaċitajiet Militari 641
Riċerka 641

| | |
|---|---|
| L-Effettivita' ta' l-Infieq Militari | 641 |
| Jiġu Stabbiliti Gruppi Speċifiċi | 642 |
| **Artikolu III-312** (ġdid) | 643 |
| Maġġoranza u Minoranza | 644 |
| Għodda ta' Jasar lill-Istati Uniti ta' l-Amerika | 645 |
| **Sezzjoni 3** | 647 |
| Disposizzjonijiet Finanzjarji | 647 |
| **Artikolu III-313** (ex Artikolu 28 (2, 5) TUE) | 647 |
| L-Ispiża Jħallasha Kulħadd | 647 |
| Deċiżjoni Ewropea għall-Iffinanzjar Urġenti | 648 |
| **Kapitolu III** | 651 |
| Politika Kummerċjali Komuni | 651 |
| **Artikolu III-314** (ex Artikolu 131 TKE) | 651 |
| Unjoni Doganali | 651 |
| **Artikolu III-315** (ex Artikolu 133 TKE) | 651 |
| Politika Kummerċjali Komuni | 651 |
| Miżuri b'Liġi Ewropea | 652 |
| Ftehim ma' Pajjiżi Terzi | 653 |
| Id-Diversita' Kuturali u lingwistika Preġudikata | 654 |
| Disturb Serju fil-Kummerċ tas-Servizzi | |
| Soċjali, Edukazzjoni u Saħħa | 655 |
| Ftehim Internazzjonali fil-Qasam tat-Trasport | 656 |
| L-Armonizzazzjoni M'hijiex Eskluża | 656 |
| **Kapitolu IV** | 658 |
| Koperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi u Għajnuna Umanitarja | 658 |
| **Sezzjoni 1** | 658 |
| Koperazzjoni Għall-Iżvilupp | 658 |
| **Artikolu III-316** (ex Artikolu 177 TKE) | 658 |
| Kollox fil-Miri ta' l-Unjoni | 658 |
| **Artikolu III-317** (ex Artikoli 179, 181 TKE) | 658 |
| Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw | 659 |
| Ftehim ma' Pajjiżi Terzi mill-Unjoni f'Kull Qasam | 659 |
| Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment | 659 |
| **Artikolu III-318** (ex Artikoli 180, 181 TKE) | 660 |
| Kordinazzjoni tal-Politika | 660 |
| Kull Inizjattiva mill-Kummissjoni | 660 |
| Koperazzjoni | 661 |

**Sezzjoni 2** 662
Koperazzjoni Ekonomika, Finanzjarja u Teknika
ma' Pajjiżi Terzi 662

**Artikolu III-319** (ex Artikolu 181a TKE) 662
Għajnuna lil Terzi Pajjiżi 662
Il-Qasam Militari 662
Paragrafu 1 B'Liġi Ewropea 662
L-Istati Membri Jridu Jikkoperaw Bilfors 663

**Artikolu III-320** (ġdid) 664
Għajnuna bi Proposta mill-Kummissjoni 664

**Sezzjoni 3** 665
Għajnuna Umanitarja 665

**Artikolu III-321** (ġdid) 665
Diżastri 665
Azzjonijiet ta' Għajnuna Umanitarja 665
Il-Miżuri b'Liġi Ewropea 666
Ftehim Ieħor mill-Unjoni 666
Żgħażagħ Volontarji 667
Kull Inizjattiva mill-Kummissjoni 667

**Kapitolu V** 669
Miżuri Restrittivi 669

**Artikolu III-322** (ex Artikolu 301 TKE, ġdid) 669
Miżuri Kontra Pajjiżi Terzi b'Maġġoranza 669

**Kapitolu VI** 670
Ftehim Internazzjonali 670

**Artikolu III-323** (ex Artikoli 24 TUE, 300(7) TKE) 670
Ftehim mill-Unjoni Jorbot lill-Istati Membri 670

**Artikolu III-324** (ex Artikolu 310 TKE) 671
Ftehim b'Obbligi u Azzjonijiet Komuni u Proċeduri Speċjali 671

**Artikolu III-325** (ġdid, ex Artikoli 300 TKE, 24 TUE) 672
M'Hemmx Jedd tal-Veto 672
Awtorita' u Arroganza tal-Kunsill 672
Direttivi u Deċiżjonijiet mill-Kunsill 673
Deċiżjoni mill-Kunsill biex Jikkonkludi Ftehim 673
Il-Kunsill Jista' Jaqbeż lill-Parlament 675
Il-Kunsill Jiddeċiedi b'Maġġoranza Kwalifikata 675
Il-Kunsill u l-Posizzjoni Komuni 676
Il-Parlament Sempliċiment Infurmat 676
Opinjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 676

**Artikolu III-326** (ex Artikolu 111 (1-3, 5) TKE) 677
Il-Kunsill Jiddeċiedi Kollox Dwar l-Ewro 677
Posizzjoni Waħda Dwar l-Ewro mill-Unjoni 678
Xi Ftehim Jistgħu Jagħmlu? 679

**Kapitolu VII** 680
Relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali u ma' Pajjiżi Terzi u Delegazzjonijiet ta' l-Unjoni 680

**Artikolu III-327** (ex Artikoli 302 – 304 TKE) 680
Relazzjonijiet ta' l-Unjoni 680

**Artikolu III-328** (ġdid) 681
Rappreżentanza Diplomatika 681

**Kapitolu VIII** 682
Implimentazzjoni tal-Klawżola ta' Solidarjeta' 682

**Artikolu III-329** (ġdid) 682
Attakki Terroristiċi u Għajnuna 682
Deċiżjoni mill-Kunsill u Effetti 684
It-Theddid Kontra l-Unjoni 685

**Titolu VI** 686
Il-Funzjonament ta' l-Unjoni 686

**Kapitolu I** 686
Disposizzjonijiet Istituzzjonali 686

**Sezzjoni 1** 686
L-Istituzzjonijiet 686

**Subsezzjoni 1** 686
Il-Parlament Ewropew 686

**Artikolu III-330** (ex Artikolu 190(4-5) TKE) 686
Liġi għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew 686

**Artikolu III-331** (ex Artikolu 191 (it-tieni punt) TKE) 687
Liġi Ewropea Tirregola l-Partiti Politiċi 687

**Artikolu III-332** (ex Artikolu 192 TKE) 688
Il-Parlament Jittallab lill-Kummissjoni 688

**Artikolu III-333** (ex Artikolu 193 TKE) 688
Kumitat Investigattiv 688

**Artikolu III-334** (ex Artikolu 194 TKE) 689
Petizzjoni 690

**Artikolu III-335** (ex Artikolu 195 TKE) 690
Ombudsman ta' l-Unjoni Ewropea 691

**Artikolu III-336** (ex Artikolu 196 TKE) 691
Il-Parlament Suġġett għall-Kunsill u l-Kummissjoni 691

**Artikolu III-337** (ex Artikoli 197, 200 TKE) 691
Il-Parlament Sottomess 692

**Artikolu III-338** (ex Artikolu 198 TKE) 692
Il-Parlament b'Maġġoranza 692

**Artikolu III-339** (ex Artikolu 199 TKE) 692
Artikolu ta' Proċedura 693

**Artikolu III-340** (ex Artikolu 201 TKE) 693
Mozzjoni ta' Ċensura 693
Riżenja tal-Kummissjoni 693

**Subsezzjoni 2** 694
Il-Kunsill Ewropew 694

**Artikolu III-341** (ġdid) 694
Astensjoni u Vot bil-Prokura 694

**Subsezzjoni 3** 695
Il-Kunsill tal-Ministri 695

**Artikolu III-342** (ex Artikolu 204 TKE) 695
Kif Jiltaqa' il-Kunsill 695

**Artikolu III-343** (ex Artikoli 205 (1, 3), 206 TKE) 695
Vot bil-Prokura u Proċedura 695

**Artikolu III-344** (ex Artikolu 207 TKE) 696
Kumitat Jipprepara x-Xogħol 696
Maġġoranza Sempliċi 696

**Artikolu III-345** (ex Artikolu 208 TKE) 697
Iħokku Dahar Xulxin 697

**Artikolu III-346** (ex Artikolu 209 TKE) 697
Deċiżjonijiet tal-Kunsill Jirregolaw il-Kumitati 698

**Subsezzjoni 4** 699
Il-Kummissjoni Ewropea 699

**Artikolu III-347** (ex Artikolu 213(2) TKE) 699
L-Obbligi tal-Kummissarji 699

**ArtikoluIII-348** (ex Artikolu 215 TKE) 699
Mewt, Riżenja jew Irtirar ta' Kummissarju 700
Il-President Jiġi Sostitwit 700
Sostituzzjoni Għall-Bqija tal-Mandat 701
Kummissarji Bidilli 701

**Artikolu III-349** (ex Artikolu 216 TKE) 702
Tkeċċija ta' Kummissarju 702

**Artikolu III-350** (ex Artikolu 217 TKE) 702
Il-President Jalloka r-Risponsabbiltajiet 702

**Artikolu III-351** (ex Artikolu 219 TKE) 702
Il-Kummissjoni bil-Maġġoranza 703

**Artikolu 352** (ex Artikoli 218(2), 212 TKE) 703
Artikolu dwar il-ħidma tal-Kummissjoni 703

**Subsezzjoni 5** 704
Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea 704

**Artikolu III-353** (ex Artikolu 221 TKE) 704
Kif Tiltaqa l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 704
Il-Qrati Maltin Sottomessi għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 704

**Artikolu III-354** (ex Artikolu 222 TKE) 705
L-Avukati Ġenerali tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 705

**Artikolu III-355** (ex Artikolu 223 TKE) 705
Kwalifiki, Ħatriet u Bdil 706

**Artikolu III-356** (ex Artikolu 224 TKE) 706
In-Numru u l-Kwalifika ta' l-Imħallfin 706

**Artikolu III-357** (ġdid) 707
Pannew Biex Jagħti Parir lill-Istati Membri 707

**Artikolu III-358** (ex Artikolu 225 TKE) 708
Tqassim tal-Kompetenzi tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 708

**Artikolu III-359** (ex Artikoli 220 (it-tieni sentenza), 225a TKE) 709
Tħassib Kbir Dwar Qrati Speċjalizzati 710
Dritt ta' Appell Limitat 710
Liema Oqsma? 710

**Artikolu III-360** (ex Artikolu 226 TKE) 711
Il-Kummissjoni Argużin fuq l-Istati Membri 712

**Artikolu III-361** (ex Artikolu 227 TKE) 712
L-Unjoni Ewropea Iġġelled lill-Istati Membri 713

**Artikolu III-362** (ex Artikolu 228 TKE) 713
L-Istati Membri Jitwaħħlu l-Multi 714

**Artikolu III-363** (ex Artikolu 229 TKE) 714
Kompetenza Mingħajr Limitu Għall-Qorti 714

**Artikolu III-364** (ex Artikolu 229a TKE) 715
Indħil fil-Qasam Intellettwali 715

**Artikolu III-365** (ex Artikolu 230 TKE) 716
Aktar Ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 717

**Artikolu III-366** (ex Artikolu 231 TKE) 717
Tista' Tannulla Atti 717

**Artikolu III-367** (ex Artikolu 232 TKE) 717
Proċeduri Kontra l-Istituzzjonijiet 718

**Artikolu III-368** (ex Artikolu 233 TKE) 718
L-Istituzzjonijiet Privileġġjati 718

**Artikolu III-369** (ex Artikolu 234 TKE) 718
Il-Qrati ta' l-Istati Membri Sottomessi 719

**Artikolu III-370** (ex Artikolu 235 TKE) 721
Kompetenza Oħra 721

**Artikolu III-371** (ex Artikolu 46(e) TUE) 721
Taparsi Rimedju 721

**Artikolu III-372** (ex Artikolu 236 TKE) 722
Kompetenza fil-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg 722

**Artikolu III-373** (ex Artikolu 237 TKE) 722
Kompetenza Oħra għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 723

**Artikolu III-374** (ex Artikolu 238 TKE) 724
Il-Qorti Kompetenti Anki fl-Arbitraġġ 724

**Artikolu III-375** (ex Artikolu 240, 292, 239 TKE) 724
Il-Qrati Nazzjonali fil-Kawżi ta' l-Unjoni Ewropea 725

**Artikolu III-376** (ex Artikolu 46 TUE) 725
Il-Qorti u l-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni 726

**Artikolu III-377** (ex Artikolu 35(5) TUE) 726
L-Istati Membri ma Jafdawx lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea 727

**Artikolu III-378** (ex Artikolu 241 TKE) 727
Jeddijiet Limitati 727

**Artikolu III-379** (ex Artikoli 242, 243 TKE) 728
Sospensjoni fid-Deskrizzjoni tal-Qorti 728

**Artikolu III-380** (ex Artikolu 244 TKE) 728
Infurzar tas-Sentenza 728

**Artikolu III-381** (ex Artikolu 245 TKE) 729
L-Istatut Jinbidel b'Liġi Ewropea 729

**Subsezzjoni 6** 730
Il-Bank Ċentrali Ewropew 730

**Artikolu III-382** (ex Artikolu 112 TKE) 730
Stat Biss Ikollu Bank Ċentrali 730

**Artikolu III-383** (ex Artikolu 113 TKE) 730
Il-Bank Ċentrali Ewropew bl-Indħil 731
Il-President Mistieden 731
Rapport Annwali 731

**Il-Qorti ta' l-Awdituri** 733

**Artikolu III-384** (ex Artikolu 248 TKE) 733
Il-Qorti Ilha Snin ma Tapprova l-Kontijiet tal-Kummissjoni 733
Xogħol il-Qorti ta' l-Awdituri 733
L-Informazzjoni Bilfors 735
L-Ebda Raġuni Għalfejn Intefqu 735
Rapport Annwali 736
Artikolu ta' Nformazzjoni

**Artikolu III-385** (ex Artikolu 247 (2-7) TKE) 736
Artikolu ta' Nformazzjoni 737

**Sezzjoni 2** 738
Korpi Konsulatttivi ta' l-Unjoni 738

**Subsezzjoni 1** 738
Il-Kumitat tar-Regjuni 738

**Artikolu III-386** (ex Artikolu 263 TKE) 738
Kumitat Ieħor u Aktar Spejjeż 738

**Artikolu III-387** (ex Artikolu 264 TKE) 739
Il-Ħatra tal-President u l-Uffiċjali 739

**Artikolu III-388** (ex Artikolu 265 TKE) 739
Kumitat Konsultattiv 739
Ħidma u Proċedura 739

**Subsezzjoni 2** 741

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali 741

**Artikolu III-389** (ex Artikolu 258 (1-2) TKE) 741
Kumitat Ieħor u Aktar Burokrazija 741

**Artikolu III-390** (ex Artikolu 259 TKE) 741
**Artikolu III-391** (ex Artikolu 260 TKE) 741
**Artikolu III-392** (ex Artikolu 262 TKE) 741

**Sezzjoni 3** 743
Il-Bank ta' l-Investiment Ewropew 743

**Artikolu III-393** (ex Artikolu 266 TKE) 743
Personalita' Ġuridika 743

**Artikolu III-394** (ex Artikolu 267 TKE) 743
Fl-Interess ta' l-Unjoni 744
Mingħajr Profitt 744

**Sezzjoni 4** 744
Disposizzjonijiet Komuni għall-Istituzzjonijiet,
il-Korpi u l-Aġenziji ta' l-Unjoni 744

**Artikolu III-395** (ex Artikolu 250 TKE) 744
Kummissjoni Setgħana 744

**Artikolu III-396** (ex Artikolu 251 TKE) 744
Wara l-Ewwel Qari 746
Jekk il-Kunsill ma Japprovax 746
Jħaddu għat-Tieni Qari 746
Wara l-Emendi tal-Parlament 747
Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni 747
Jaslu għat-Tielet qari 748
Għandhom Ukoll Disposizzjonijiet Speċjali 749

**Artikolu III-397** (ex Artikolu 218(1) TKE, ġdid) 750
Konsultazzjoni u Ftehim 750

**Artikolu III-398** (ġdid) 750
Amministrazzjon b'Diskriminazzjoni 750

**Artikolu III-399** (ex Artikolu 255 TKE) 751
L-Istituzzjonijiet Jiddeċiedu l-Aċċess għad-Dokumenti 751

**Artikolu III-400** (ex Artikoli 210, 247(8), 258 (ir-raba sentenza) TKE) 752
Ix-Xejn b'Xejn 752

**Artikolu III-401** (ex Artikolu 256 TKE) 753
Multi fuq Kulħadd 753

**Kapitolu II** 755
Disposizzjonijiet Finanzjarji 755

**Sezzjoni 1** 755
Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 755

**Artikolu III-402** (ġdid) 755
Pjani Finanzjarji 755

**Sezzjoni 2** 756
Il-Budget Annwali ta' l-Unjoni 756

**Artikolu III-403** (ex Artikolu 272(1) TKE) 756

**Artikolu III-404** (ex Artikolu 272 TKE) 756
Kif Jitressaq u Jiġi Approvat il-Budget 758

**Artikolu III-405** (ex Artikolu 273 TKE) 758
Xahar b'Xahar 759

**Artikolu III-406** (ex Artikolu 271 TKE) 759
Kif Jitqassmu l-Estimi 759

**Sezzjoni 3** 760
Implimentazzjoni tal-Budget u Kwittanza 760

**Artikolu III-407** (ex Artikolu 274 TKE) 760
Kontroll u Verifika 760

**Artikolu III-408** (ex Artikolu 275 TKE) 760
Obbligi Dwar l-Estimi Finanzjarji 761

**Artikolu III-409** (ex Artikolu 276 TKE) 761
Artikolu ta' Proċedura 762

**Sezzjoni 4** 763
Disposizzjonijiet Komuni 763

**Artikolu III-410** (ex Artikolu 277 TKE) 763
Jitfasslu bl-Ewro 763

**Artikolu III-411** (ex Artikolu 278 TKE) 763
Aktar Qerq 763

**Artikolu III-412** (ex Artikolu 279 TKE) 764
Arikolu Dwar Kontrolli 765

**Artikolu III-413** (ġdid) 765
Ikunu Ċerti li l-Istati Membri Joħorġu Sehemhom 765

**Artikolu III-414** (ġdid) 765
Il-Presidenti Medjaturi 766

**Sezzjoni 5** 767
Ġlieda Kontra l-Frodi 767

**Artikolu III-415** (ex Artikolu 280 TKE) 767
L-Istati Membri Jridu Jħarsu l-Interessi ta' l-Unjoni 767
Tħaris ta' l-Interessi b'Liġi Ewropea 768

**Kapitolu III** 769
Koperazzjoni Msaħħa 769

**Artikolu III-416** (ex Artikoli 43 (b, c, e, f) TUE, 11(3) TKE) 769
Tħares il-Kostituzzjoni u d-Dritt ta' l-Unjoni 769

**Artikolu III-417** (ex Artikoli 43(h), 44(2 l-aħħar sentenza) TUE) 769
Unjoni Ewropea ta' Żewġ Klassijiet 769

**Artikolu III-418** (ex Artikolu 43(b) TEU, ġdid) 769
Iridu l-Awtorizzazzjoni ta' l-Unjoni 770

**Artikolu III-419** (ex Artikoli 40(a), 27(ċ) TUE, 11(1-2) TKE) 770
Applikazzjoni Għand il-Kummissjoni 770
Applikazzjoni Għand il-Kunsill 771

**Artikolu III-420** (ex Artikoli 40(b), 27(e) TUE, 11a TKE) 772
Il-Kummissjoni Tiddeċiedi Kollox 772
Fuq Tlieta Toqgħod il-Borma 773

**Artikolu III-421** (ex Artikolu 44a TUE) 773
Xorta Waħda Noħorġu Sehemna 773

**Artikolu III-422** (ġdid) 774
Aktar Qerq mill-Unjoni 774

**Artikolu III-423** (ex Artikolu 45 TUE) 775
Koerenza fl-Attivitajiet 775

**Titolu VII** 776
Disposizzjonijiet Komuni 776

**Artikolu III-424** (ex Artikolu 299 (2, it-tieni sentenza, 3 TKE) 776
Territorji Speċjali 776

**Artikolu III-425** (ex Artikolu 295 TKE) 777
Qerq Sfaċċat mill-Unjoni 777

**Artikolu III-426** (ex Artikolu 282 TKE) 777
L-Unjoni Takkwista u Tiddisponi Artijiet u Proprjeta' 778

**Artikolu III-427** (ex Artikolu 283 TKE) 778
L-Unions Imħollija Barra 778

**Artikolu III-428** (ex Artikolu 284 TKE) 778
Spjunaġġ b'Liġi Ewropea 779

**Artikolu III-429** (ex Artikolu 285 TKE) 779
Piż Suppost Mhux Żejjed 779

**Artikolu III-430** (ex Artikolu 287 TKE) 780
Sigriet Professjonali 780

**Artikolu III-431** (ex Artikolu 288 TKE) 780
Danni Kawżati 781

**Artikolu III-432** (ex Artikolu 289 TKE) 781
Is-Sede ta' l-Istituzzjonijiet 781

**Artikolu III-433** (ex Artikolu 290 TKE) 781
L-Ilsna Mhux Stmati Kollha l-Istess 781

**Artikolu III-434** (ex Artikolu 291 TKE) 782
Privileġġi u Immunitajiet 782

**Artikolu III-435** (ex Artikolu 307 TKE) 782
Ftehim Irid Jaqbel Bilfors mal-Kostituzzjoni 783

**Artikolu III-436** (ex Artikolu 296 TKE) 783
Manifattura u Kummerċ fl-Armanenti 783

**Parti IV** 785
Disposizzjonijiet Ġenerali u Finali 785

**Artikolu IV-437** (ġdid) 785
It-Trattati Mħassra u Salvati 785

**Artikolu IV-438** (ġdid) 786
L-Unjoni Werrieta 787

**Artikolu IV-439** (ġdid) 787
Disposizzjonijiet Transitorji 787

**Artikolu IV-440** (ex Artikolu 299 (1, 3-6) TKU) 787
Stati Membri Speċjali 788

**Artikolu IV-441** (ex Artikolu 306 TKE) 789
Stati Membri Oħra Speċjali 789

**Artikolu IV-442** (ex Artikolu 311 TKE) 789
Protokolli u Annessi 789

**Artikolu IV-443** (ex Artikolu 48 TUE) 790
Kif Tiġi Emendata l-Kostituzzjoni 791

**Artikolu IV-444** (ġdid) 791
Prova Oħra ta' Arroganza 791
Arroganza Anki fil-Proċedura 792
Ftit Zokkor Għall-Imrar 792

**Artikolu IV-445** (ġdid) 792
Proposti għal-Reviżjoni 793

**Artikolu III-446** (ex Artikoli 51 TUE, 312 TKE) 793
Tul ta' Żmien 793

**Artikolu IV-447** (ex Artikoli 52 TUE, 313 TKE) 793
Dħul fis-Seħħ 793

**Artikolu IV-448** (ex Artikoli 53 TUE, 314 TKE) 794
Testi u Traduzzjonijiet 794

**Lista' ta' Artikoli** 795

**Kummenti** 803

**KONKLUŻJONI** 805

**Il-Konvenzjoni Ewropea** 808
Lista ta' Membri 808
Presidenza 808
Membri Oħra tal-Praesidium 808
Membri tal-Konvenzjoni 808
Rappreżentanti tal-Kummissjoni 809
Rappreżentanti ta' l-Istati Membri 809
Rappreżentanti tal-Pajjiżi Kandidati 811
Sostituti 813
Rappreżentanti tal-Parlament Ewropew 813
Rappreżentanti tal-Kummissjoni 814
Rappreżentanti ta' l-Istati Membri 814
Rappreżentanti tal-Pajjiżi Kandidati 816
Osservaturi 818
Segretarjat 819

**Daħla u Tifsir fil-Qosor**

Qabel ma nibdew biex naraw u neżaminaw dak li tgħid il-Kostituzzjoni proposta ta' l-Unjoni Ewropea, irridu nfakkru li l-Kampanja Ħelsien Nazzjonali KĦN, magħrufa wkoll bħala CNI, fil-31 ta' Marzu 2004, jiġifieri fil-25 anniversarju tal-31 ta' Marzu 1979, Jum il-Ħelsien, kienet ħarġet Dikjarazzjoni Solenni iffirmata quddiem Nutar li fiha ċaħdet it-Trattat tas-Sħubija ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea, iddikjarat li tqis li l-poplu Malti għadu ħieles u m'huwiex marbut bit-Trattat, u tat ir-raġunijiet għalhekk.

Mhux biss, imma l-fatt li qiegħda tiġi proposta Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea li tkun meqjusa bħala l-aqwa liġi u tkun ukoll fuq il-Kostituzzjoni ta' Malta jikser l-istess Kostituzzjoni ta' Malta għaliex il-Kostituzzjoni tagħna stess tgħid li hija l-aqwa liġi ta' Malta u li l-liġijiet l-oħra jridu jkunu jaqblu magħha.

Għaldaqstant, il-Kampanja Ħelsien Nazzjonali nħossu li jkun xieraq li din id-Dikjarazzjoni Solenni tkun ippubblikata wkoll f'dan il-ktieb biex tkun magħrufa minn kulħadd.

Qegħdin nagħmluh ukoll biex kulħadd ikun jaf li kif jingħad fid-Dikjarazzjoni Solenni, l-Unjoni Ewropea ħatfet lil Malta taħt idejha illegalment u li l-poplu Malti m'huwiex marbut bit-Trattat tas-Sħubija.

Qed nagħmluh ukoll biex nuru li l-adozzjoni tal-Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea tfisser mhux biss il-ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, imma tradiment, flimkien mal-ksur tal-ġurament ta' lealta' lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha, tal-Membri Parlamentari li jivvutaw favur il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u tal-President tar-Repubblika jekk jaqbel mar-ratifika.

**Dikjarazzjoni Solenni tal-Kampanja Ħelsien Nazzjonali (CNI):**
**Tiċħad it-Trattat ta’ Sħubija ta’ Malta fl-UE**

Lejlet il-25 anniversarju tal-kisba tal-ħelsien sħiħ minn Malta fil-31 ta’ Marzu, 1979 u xahar qabel ma l-Unjoni Ewropea taħtaf lil Malta fl-1 ta’ Mejju, 2004, aħna, il-Kampanja Ħelsien Nazzjonali (CNI) qegħdin nagħmlu din id-dikjarazzjoni formali u solenni lil ħutna Maltin u Għawdxin u lill-popli kollha ta’ l-Għaqda tal-Ġnus Magħquda u tal-pajjiżi kollha tad-dinja.

Meta l-Unjoni Ewropea formalment taħtaf magħha lil Malta fl-1 ta’ Mejju, 2004, il-poplu tagħna jkun tilef il-ħelsien, l-indipendenza, is-sovranità u n-newtralità u dan kollu jseħħ mingħajr il-kunsens xieraq, validu, popolari u demokratiku.

Malta terġa’ tkun ħielsa. Ikun x‘ikun il-prezz li nħallsu, ikunu x’ikunu s-sagrifiċċji li nagħmlu, aħna tal-Kampanja Ħelsien Nazzjonali, naħilfu li nagħmlu minn kollox biex niksbu mill-ġdid il-ħelsien sħiħ għal art twelidna.

Ħalli dawn il-fatti jkunu magħrufa minn kulħadd.

a) L-Unjoni Ewropea sejra formalment taħtaf magħha lir-Repubblika ta’ Malta fl-1 ta’ Mejju, 2004, bis-saħħa tat-Trattat ta’ Sħubija ta’ Malta ma’ l-Unjoni Ewropea li kien iffirmat fis-16 ta’ April, 2003, f’Ateni.

b) Ir-Repubblika ta’ Malta, li d-daqs tagħha huwa biss ta’ 316 kilometri kwadri u ghandha popolazzjoni ta’ 400,000 biss, tistqarr fl-ewwel Artikli tal-Kostituzzjoni tagħha li Malta hija stat newtrali li attivament jaħdem għall-paċi, sigurtà u progress soċjali fost il-ġnus kollha billi tħaddan politika ta’ non-allinjament u tirrifjuta li tieħu sehem f’xi alleanza militari, qiegħda tiġi mġiegħla bit-Trattat ta‘ Sħubija ta’ l-Unjoni Ewropea ta’ l-2003, timxi skond il-politika, il-liġijiet, direttivi u deċiżjonijiet li l-istituzzjonijiet kollha ta’ l-Unjoni Ewropea jieħdu u qiegħda tiġi mġiegħla tobdi t-trattati kollha li l-Unjoni Ewropea tagħmel u b’hekk Malta qiegħda titlef il-ħelsien, l-indipendenza, is-sovranità u l-istatus tan-newtralità.

ċ) Fir-Referendum tas-sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea li sar fit-8 ta’ Marzu, 2003, ’il fuq minn 53 fil-mija ta’ dawk li kellhom d-dritt għall-vot, ma vvutawx favur is-sħubija.

d) F’dak ir-Referendum tħallew jivvotaw persuni li skond il-liġijiet elettorali ta’ Malta ma kellhomx dritt li jivvotaw.

e) Il-kunsens tal-poplu Malti għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea kien ivvizzjat u ma ngħatax validament u l-poplu Malti għandu dritt jinsisti li ma jkunx marbut bit-Trattat ta’ Sħubija bejn Malta u l-Unjoni Ewropea ta’ l-2003.

Huwa prinċipju bażiku fil-liġi li meta l-kunsens jingħata b’rizultat ta‘ qerq, gideb, wegħdiet foloz li jammontaw għal frodi, vjolenza morali u theddid, dak il-kunsens ikun ivvizzjat u wieħed ikollu dritt jinsisti li ma jkunx marbut b’dak il-kunsens li ta.

Aħna nsostnu u nistħqu bil-qawwa kollha li l-kunsens tal-poplu Malti għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, kemm dak mogħti fir-Referendum tat-8 ta’ Marzu, 2003, kif ukoll dak mogħti fl-Elezzjoni Generali tat-12 ta’ April, 2003, kienu vvizjati għax il-kunsens

inkiseb b'qerq, gideb, wegħdiet foloz li jammontaw għal frodi, vjolenza morali u theddid, kemm dawk lokali kif ukoll dawk li ġew minn barra l-pajjiż.

f) Il-konsegwenzi ħżiena ħafna tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea nħbew lill-votanti ta' Malta bi sħaba kbira ta' propaganda massiċċa u billi ma ngħatatx l-informazzjoni sħiħa dwar is-sħubija.

g) Spiss intqal li Malta tkun ibbojkottjata u iżolata kemm politikament kif ukoll ekonomikament u li Malta jkollha diżastru u ssib ruħha fid-dlamijiet u t-theżżiż tas-snien kemm-il darba hija ma tisseħibx fl-Unjoni Ewropea.

h) Il-Kummissarju nkarigat mit-Tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea saħansitra hedded lill-Partit ta' l-Oppożizzjoni li l-Unjoni Ewropea tassigura li l-Partit jitlef kemm ir-Referendum kif ukoll l-Elezzjoni Ġenerali li kellha ssir wara.

i) L-Unjoni Ewropea ħadet sehem xejn xieraq fil-kampanja favur is-sħubija fl-Unjoni u nefqet flejjes kbar fiha u għadd kbir ta' persuni għoljin mill-Unjoni, fosthom il-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Parlament Ewropew u ħafna kummissarji Ewropej, żaru Malta biex jippressaw lill-poplu jivvota favur is-sħubija.

j) Id-delegazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'Malta għamlet xi ħaġa li qatt m'għandha ssir billi ħadet sehem attiv fil-kampanja tar-Referendum u bagħtet bil-posta f'kull dar f'Malta u f'Għawdex karti ta' propaganda favur is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

k) Kellna ħafna ndħil barrani llegali kemm matul il-kampanja tar-Referendum kif ukoll dik ta' l-Elezzjoni Ġenerali u dan kien bi ksur tal-liġi dwar l-indħil barrani (Kapitlu 300 tal-Liġijiet ta' Malta), meta għadd ta' Kapijiet ta' stati u ta' gvernijiet u ministri żaru Malta u għamlu stqarrijiet pubbliċi biex jinfluwenzaw lill-poplu jivvota favur sħubija fl-Unjoni Ewropea.

l) Ammonti ta' flus, kbar ħafna skond iċ-ċirkostanzi lokali, ingħataw mill-Gvern għall-kampanja favur is-sħubija fl-Unjoni Ewropea u ftit wisq ingħataw lin-naħa kontra s-sħubija fl-Unjoni.

m) Bi ksur tal-liġi li tgħid li għandu jinżamm bilanċ bejn l-opinjonijiet opposti f'kwistjonijiet ta' interess pubbliku, ir-radju u t-televizjoni ta' l-Istat allokaw ħin u facilitajiet tax-xandir fuq medda twila ta' zmien qabel ir-Referendum dwar l-Unjoni Ewropea, lill-Gvern u lin-naħa ta' l-'Iva', ħafna aktar milli allokaw lill-Opozizzjoni u lin-naħa tal-'Le'.

n) Il-poplu Malti kien imċaħħad milli jkun jaf x'jghid it-Trattat tas-Sħubija kemm qabel ir-referendum kif ukoll qabel l-Elezzjoni Ġenerali. It-Trattat ma ppubblikawħx fl-ilsien Malti la mill-Gvern Malti u lanqas mill-Unjoni Ewropea. Il-test bl-Ingliż kien ippubblikat mill-Polonja fuq l-Internet ftit qabel id-data tar-Referendum f'Malta fit-8 ta' Marzu, 2003. Dawk kollha li m'għandhomx l-Internet jew li ma jaqrawx bl-Ingliż ma setgħux ikunu jafu x'fih it-Trattat. Billi t-Trattat għandu ħafna tul u billi kien fuq l-Internet ftit ta' żmien qabel ma sar ir-Referendum, ma kienx prattikament u umanament possibbli għal dawk li jafu bl-Ingliż u li kellhom l-Internet li jaqraw it-Trattat u jiflu sewwa x'ifisser.

o) Il-kunsens tal-poplu Malti għat-trattat tas-Sħubija ma kienx biss ivvizzjat, iżda wkoll inkiseb b'mezzi li ma kinux xierqa, validi, demokratiċi u popolari.

p) Minħabba n-nuqqas tal-kunsens xieraq tal-poplu Malti, aħna nemmnu u nkomplu nsostnu bil-qawwa kollha li l-Gvern ta' Malta ma kellux mandat legali biex jiffirma t-Trattat ta' Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fis-16 ta' April, 2003 u għalhekk il-kunsens għandu jitqies null u bla effett u l-iffirmar tat-trattat kontra l-Kostituzzjoni.

q) Fuq kollox aħna nemmnu u nsostnu bil-qawwa kollha li t-Trattat ta' Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea jikser l-Artikli tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jistgħu jinbidlu biss bil-vot ta' tnejn minn tlieta tad-Deputati kollha tal-Parlament u għalhekk ir-ratifika mill-Parlament Malti fl-14 ta' Lulju, 2003, tat-trattat kienet kontra il-Kostituzzjoni u għandha titqies nulla u bla effett.

Ħalli anki dawn il-fatti li ġejjin ikunu magħrufa minn kulħadd.

i) Inkisru l-Artikli li jridu vot ta' tnejn minn tlieta tad-Deputati kollha tal-Parlament li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jgħidu li Malta tirrifjuta li tieħu sehem f'xi alleanza militari u li ebda faċilitajiet f'Malta ma jitħallew jintużaw b'xi mod li jitqiesu li jkunu hawn f'Malta konċentrazzjoni ta' forzi militari barranin u li ma jitħallewx fuq it-territorju Malti nies militari barranin ħlief dawk li jkunu jaqdu xogħol ċivili u li t-Tarzni ta' Malta ma jitħallewx jintużaw minn vapuri tal-gwerra taż-żewġ superpotenzi.

ii) Bi ksur ta' l-Artiklu msemmi tal-Kostituzzjoni ta' Malta, sar ftehim ħalli l-Forzi Armati ta' Malta jieħdu sehem kemm fil-Partnership for Peace kif ukoll fir-Rapid Reaction Force ta' l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-kontinġent tas-suldati Taljani.

iii) F'ħafna drabi, anki fi żmien ta' gwerra, bastimenti tal-gwerra tal-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika tħallew jidħlu fil-port ta' Malta, xi drabi f'għadd kbir, bi ksur ċar ta' l-istatus tan-newtralità tal-Kostituzzjoni tagħna.

Bastimenti Amerikani tal-gwerra ssewwew fit-Tarzna ta' Malta minkejja li l-Kostituzzjoni ta' Malta tgħid li dan m'għandux jitħalla jiġri u l-ħaddiema tat-Tarzna sfaw mhedda li jitilfu l-impjieg jekk jirrifjutaw li jagħmlu t-tiswijiet.

iv) Artikli tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jistgħu jinbidlu biss bil-vot favur ta' tnejn minn tlieta tad-Deputati kollha tal-Parlament qegħdin jinkisru bit-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea għax dan jgħid li l-liġijiet, regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet kollha ta' l-Unjoni, kif ukoll il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni li qiegħda tiġi miktuba, huma aqwa u fuq il-Kostituzzjoni u l-liġijiet ta' Malta bi ksur ċar tal-Kostituzzjoni tagħna li tgħid li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija l-liġi suprema tal-pajjiż u li l-Parlament ta' Malta huwa l-ogħla organu li jista' jagħmel liġijiet għal Malta.

v) Ir-ratifika tat-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea li saret ta' maġġoranza sempliċi fil-Parlament Malti, ma tissodisfax il-ħtieġa skond il-Kostituzzjoni ta' Malta li jkun hemm vot favur ta' tnejn minn tlieta tad-Deputati kollha tal-Parlament biex jgħaddu emendi għall-Artikli tal-Kostituzzjoni li huma 'entrenched' u lanqas il-maġġoranza tal-voti fir-Referendum u fl-Elezzjoni Ġenerali ma tiswa biex temenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għandu jkun magħruf minn kulħadd ukoll li t-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea jmur kontra dak li jgħidu d-dikjarazzjonijiet, riżoluzzjonijiet, trattati, ftehim u konvenzjonijiet ta' l-Għaqda tal-Ġnus Magħquda. Fost dawn hemm:

1) Is-Sħubija ta’ Malta fl-UE tfisser li Malta titlef id-drittijiet tagħha fuq ħafna riżorsi naturali li skond ir-Riżoluzzjoni ta’ l-Assemblea Ġenerali ta’ l-ONU ta’ l-14 ta’ Diċembru, 1962 dwar il-“Permanent Sovereignty over Natural Resources” għandhom jintużaw għall-iżvilupp u l-ġid tal-poplu Malti.

2) L-indħil, l-isfurzar u t-theddid ta’ l-Unjoni Ewropea fuq il-poplu ta’ Malta ħalli jivvota favur sħubija fl-Unjoni Ewropea jiksru l-“International Covenant on Civil and Political Rights” u l-“International Covenant on Economic, Social and Cultural Rights”, li l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda addottat fis-16 ta’ Diċembru, 1966.

3) Ir-rabtiet u r-restrizzjonijiet li l-Unjoni Ewropea mponiet fuq Malta jxekklu bil-bosta d-dritt li Malta tirregola l-attivitajiet tal-barranin f’Malta u jxekklu ħafna d-dritt ta’ Malta li tagħżel liema sistemi ekonomiċi u soċjali tħaddem skond il-ħtiġijiet tal-pajjiż u dawk ir-rabtiet u restrizzjonijiet imorru kontra ċ-“Charter of Economic Rights and Duties of States” li l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda addottat fit-12 ta’ Diċembru, 1974.

4) Fuq kollox, il-Ftehim ta’ Sħubija li Malta nnegozjat ma’ l-Unjoni Ewropea huwa ta’ ħsara għas-sigurtà u s-sliem tal-poplu Malti għax iħassar l-istatus ta’ newtralità u mhux ta’ ġid għall-poplu Malti billi ċaħħad lill-Gvern Malti mill-mezzi ħalli jħares u jkattar x-xogħol u l-impjiegi f‘Malta.

Minħabba dawn il-fatti u dawn ir-raġunijiet, aħna, il-Kampanja Ħelsien Nazzjonali (CNI), solennament nistqarru:

Li l-poplu Malti għandu dritt jaħdem biex jitħassar it-Trattat tas-Sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea;

Li l-poplu Malti għandu dritt li jikseb lura l-ħelsien sħiħ, l-indipendenza u s-sovranità nazzjonali;

Li l-poplu Malti għandu d-dritt li jerġa’ jħaddan politika ta‘ newtralità attiva u ta’ koperazzjoni paċifika mal-popli kollha li bħalu jemmnu u jħaddmu l-istess politika;

Li aħna mhux se nieqfu milli nissaraw bla biża’ biex inħeġġu lill-poplu ta’ Malta u Għawdex ħalli jaħdem biex dawn l-għanijiet nazzjonali qaddisa jintlaħqu.

Bħala xiehda tar-rieda soda tagħna, aħna qegħdin nibagħtu din id-dikjarazzjoni solenni lill-Għaqda tal-Ġnus Magħquda u qegħdin nitolbu bir-rispett lis-Segretarju tagħha biex iqegħda fl-arkivji ta’ l-Għaqda u biex jikkomunika lill-Istati membri kollha.

Aħna qegħin ukoll nibagħtu din id-dikjarazzjoni solenni lill-membri kollha tal-Parlament Ewropew u lill-Istati membri kollha ta’ l-Unjoni Ewropea bit-tama li tnissel fihom indiema għall-ħsara kollha li l-ħatfa ta’ Malta min-naħa ta’ l-Unjoni Ewropea qiegħa tikkaġuna lill-poplu ta’ Malta u ta’ Għawdex.

Malta ħielsa u newtrali fl-aħħar tirbaħ!

29.03.2004

## TIFSIR

### Jeddijiet u Dmirijiet

Kull jedd iġorr miegħu dmir. Il-jedd ta' wieħed huwa d-dmir ta' l-ieħor. Dan japplika kemm jekk qegħdin nitkellmu dwar jeddijiet u dmirijiet ta' persuni naturali u legali, Stati, organizzazzjonijiet, u kull fejn xi ħadd jista' jgħid li għandu xi jedd.

Biex niftehmu, jekk jiena għandi jedd li ngħaddi minn passaġġ f'għalqa li m'hijiex tiegħi, dak il-jedd iġorr miegħu d-dmir tiegħi li ma nagħmilx ħsara f'dak il-passaġġ jew proprjeta' li jiena ngħaddi minnha.

Biex nieħdu eżempju ieħor, jekk jiena mpjegat għandi l-jedd li nirċievi l-ħlas tiegħi mingħand min jimpjegani, imma mal-jedd tal-ħlas jiena għandi wkoll d-dmir li nagħti l-ġurnata tax-xogħol tiegħi. Min-naħa l-oħra nistgħu ngħidu li l-jedd ta' min iħaddimni li nagħtih ix-xogħol tiegħi huwa marbut mad-dmir tiegħu li jħallasni.

Jekk nitkellmu dwar Stati, kull Stat għandu ċerti jeddijiet, imma għandu wkoll id-dmir li jużahom tajjeb u bil-għaqal biex ma jagħmilx ħsara lil Stati oħra li bħalu għandhom l-istess jeddijiet, kif ukoll dmirijiet li ma jagħmlulux ħsara.

Fil-fatt, għalkemm Stat ikun **Indipendenti, Ħieles u Sovran**, ma jistax iħalli t-territorju tiegħu jintuża biex jagħmel ħsara lil Stati oħra jew liċ-ċittadini tagħhom.

Bil-Latin, dan il-prinċipju jgħid ***"sic utero tuo ut alienum non laedas,"*** jiġifieri li tuża dak li huwa tiegħek mingħajr ma tagħmel ħsara lil ħaddieħor, għaliex jekk ma jsirx hekk ma jkunx użu, imma abbuż tal-jedd. Jew, fi kliem ieħor, il-jedd tiegħek ma tkunx qiegħed tużah imma tabbużah.

L-istess jista' jingħad għal organizzazzjonijiet, għaliex waqt li l-membri tagħhom ikollhom ċerti jeddijiet, huma għandhom id-dmir li jħarsu l-jeddijiet ta' l-organizzazzjoni li min-naħa tagħha trid tħares il-jeddijiet tagħhom.

Jekk inti membru f'każin, inti għandek ċerti jeddijiet li min m'huwiex membru m'għandux, imma inti għandek id-dmirijiet ukoll, fosthom li tħallas il-menswalita', li ma tagħmilx ħsara lil każin, u dmirijiet oħra li kull jedd li inti jkollok iġorr miegħu.

### Xi jrid ikollu Pajjiż biex jissejjaħ Stat

**Bil-kelma Stat wieħed jifhem pajjiż li jkollu territorju tiegħu, popolazzjoni, ikollu kontroll fuq dak kollu li jiġri fit-territorju tiegħu, u l-kapaċita' li jkollu relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati u organizzazzjonijiet oħra.**

Fi kliem ieħor, imexxi l-affarijiet tiegħu ma' Stati oħra u organizzazzjonjiet u ma jkunx suġġett għal xi ħaddieħor biex imexxi dawn ir-relazzjonijiet minfloku, f'ismu jew għalih.

Dan ma jfissirx li dawn il-karatteristiċi jridu jkunu kollha hemm jew għandu fl-istess ħin, għaliex kien hemm eżempji fl-istorja fejn Stat ma kellux xi wħud minn dawn il-karatteristiċi u xorta waħda baqa meqjus u magħruf minn Stati oħra bħala Stat Sovran.

**Stat Federali**

**Stat Federali huwa magħmul minn diversi Stati li jingħaqdu kollha flimkien u jgħaddu ċerti jeddijiet lill-Istat Federali. Fost l-affarijiet li jgħaddu lill-Istat Federali hemm jeddijiet u kompetenzi fil-qasam jew fora internazzjonali li normalment ikunu eżerċitati jew jitmexxew minn Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani.**

B'hekk, wieħed jista' jargumenta li minħabba l-fatt li ċerti jeddijiet u kompetenzi li se nsemmu aktar tard jgħaddu mingħand Stat Membru għal għand l-Istat Federali, **is-Sovranita' li Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** normalment ikollu biex jeżerċita' dawn il-jeddijiet u kompetenzi tintilef mingħand dak l-Istat jew dawk l-Istati li jissieħbu fi **Stat Federali**.

**Sovranita'**

Dak li għadna kif għedna fil-paragrafi ta' qabel ifisser li l-Istati Membri ta' Stat Federali jitilfu s-sovranita' tagħhom u mhux kif jingħad li jsaħħu s-sovranita' għaliex ikunu qed jaqsmuha bejniethom.

Dan mhux biss huwa argument bażwi, imma tkun qed tgħid l-akbar kontradizzjoni jekk tgħid li qed issaħħaħ is-sovranita' tiegħek jekk inti taqsamha ma' ħaddieħor, għaliex ma tistax issaħħah jew tkabbar dak li għandek jekk inti taqsmu ma' ħaddieħor.

**Fil-fatt, il-kelma sovranita' hija mnissla mill-kelma Sovran, ir-Re, il-Kap, il-Ħakkiem li l-kelma tiegħu kellha saħħa ta' liġi, anzi kienet il-liġi. Dak li kien jgħid is-Sovran, l-amar tiegħu, kien jgħodd, ħadd ma seta' jmerih u ħadd ma seta' jmur kontra tiegħu. Ħadd ma seta' jindaħallu x'jagħmel u x'jordna. Għalhekk kien jissejjaħ Sovran, li minnu hija mnissla l-kelma sovranita'.**

Għaldaqstant, huwa għal din ir-raġuni li l-kelma sovranita' minnha nfisha taqta' barra għal kollox kull qasma tagħha ma ħaddieħor.

Jekk inti qed taqsamha ma' ħaddieħor mill-ewwel titlifha għaliex ifisser li inti m'intix aktar Sovran għaliex ma tistax tiddeċiedi waħdek imma tkun trid il-kunsens ta' dak li qiegħed taqsamha miegħu biex tagħmel xi ħaġa.

B'hekk, inti m'intix iktar Sovran għaliex inti tkun tiddependi minn ħaddieħor u ma tkunx tista' tagħmel li trid u li jkun jaqbillek jekk dak li qed taqsam is-sovranita' miegħu ma jkunx irid.

Inti ma tkunx tista' tiddeċiedi waħdek mingħajr ma jindaħallek ħadd bħal ma jagħmel Sovran, imma tkun tiddependi fuq il-qbil jew fuq dak li jkun iridek tagħmel ħaddieħor, anki jekk ma jkunx fl-interess tiegħek.

Din hija l-kuntradizzjoni enormi li jkun qiegħed jgħid min jgħid u jsostni l-argument bażwi li jekk taqsam is-sovranita' tiegħek ma' ħaddieħor tkun qed issaħħaħ is-sovranita' tiegħek.

## Personalita' Ġuridika

Personalita' ġuridika tfisser li dik il-persuna, u b'persuna nifhmu kemm persuna naturali, jiġifieri bniedem, u kemm persuna legali, jiġifieri kumpanija, organizzazzjoni, eċċ. tkun tista' tfittex għad-drittijiet jew jeddijiet tagħha waqt li tkun tista' tiġi mfittxija minn min jidhirlu li tkun kisret id-drittijiet jew jeddijiet tiegħu

Jekk nieħdu eżempju ta' Stat, kull Stat għandu personalita' ġuridika, jiġifieri jista' jfittex persuni ġuridiċi oħra għall-jeddijiet tiegħu u jiġi mfittex għad-danni li huwa jagħmel jekk jikser il-jeddijiet ta' persuni ġuridiċi oħra.

Huwa jista' ukoll ifittex persuni ġuridiċi oħra għad-danni li huma jew iċ-ċittadini tagħhom ikunu kkawżaw liċ-ċittadini tiegħu, waqt li huwa jkun jista' jiġi mfittex għad-danni li huwa jew ċittadini tiegħu jkunu kkawżaw lil persuni ġurdiċi, Stati jew ċittadini ta' Stati oħra.

L-istess jista' jingħad għal organizzazzjonijiet li meta jkunu twaqqfu, dawk li jwaqqfuhom kellhom il-ħsieb li jagħtuhom personalita' ġuridika biex huma jkunu jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom u fit-twettieq ta' dawn l-għanijiet huma jikkawżaw danni. Bl-istess mod, huma jkunu jistgħu jfittxu għad-danni lil min ikun ikkawżalhom danni.

Bħala eżempju, wieħed jista' jara fost każi oħra, il-każ[1] tal-Ġnus Magħquda meta talbet opinjoni lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar il-personalita' ġuridika tal-Ġnus Magħquda li tfittex għad-danni wara li l-Konti Folke Bernadotte li kien ir-rappreżentant tagħha fil-Lvant Nofsani kien inqatel minn terroristi Lhud f'Ġerusalemm li kienet taħt il-kontroll tal-Gvern Iżraeljan.

## Il-Kostituzzjoni

**Tajjeb li jingħad mill-ewwel li normalment huwa Stat li jkollu Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija meqjusa bħala l-aqwa liġi tal-pajjiż li kull liġi oħra ta' dak l-Istat trid tkun taqbel magħha u tkun sottomessa lejha.**

Dan ifisser li jekk xi liġi ma tkunx taqbel jew ikollha xi ħaġa li tkun kontra dak li hemm ipprovdut fil-Kostituzzjoni, dik il-liġi jew dik il-parti tagħha li tkun kontra jew ma tkunx taqbel mal-Kostituzzjoni ma tkunx tgħodd u ma tkunx tista' tiġi nfurżata.

Minħabba l-importanza tagħha bħala l-liġi fundamentali tal-pajjiż, fil-Kostituzzjoni wieħed normalment isib l-iktar jeddijiet fundamentali li ċ-ċittadini jkollhom u d-dmirijiet tagħhom lejn il-pajjiż, waqt li jkun fiha wkoll provvedimenti dwar ix-xorta ta' Gvern, setgħat, Qrati u dak kollu li jista' jitqies bħala l-iktar importanti għat-tmexxija tal-pajjiż f'demokrazija u b'demokrazija.

## Kostituzzjoni Federali

Kostituzzjoni Federali hija l-Kostituzzjoni ta' Stat Federali, bħal ma hija l-Kostituzzjoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Ġermanja minħabba li dawn huma

[1] Reparations Case, ICJ Reports (1949)

magħmula minn Stati differenti li flimkien jiffurmaw, fl-eżempji msemmija, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Ġermanja.

Bħal ma l-Kostituzzjoni ta' xi Stat hija meqjusa bħala l-għola u l-aqwa liġi tal-pajjiż, il-Kostituzzjoni Federali hija meqjusa bħala l-għola u l-aqwa liġi ta' l-Istat Federali li torbot mhux biss lill-Istat Federali, imma anki lill-Istati Membri tiegħu.

Huwa ukoll minħabba li l-Unjoni Ewropea trid li jkollha l-Kostituzzjoni tagħha, u minħabba li huwa Stat li normalment ikollu Kostituzzjoni, kemm jekk ikun **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** u kemm jekk ikun Stat Federali, li ma jibqax l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea trid issir Stat Federali, anzi hija diġa' Stat Federali.

L-adozzjoni tal-Kostituzzjoni tgħaqqad kollox u tikkonferma lill-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali.

## Jeddijiet u Dmirijiet Federali

Kostituzzjoni Federali tagħti wkoll jeddijiet li ċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom, waqt li tagħmel ukoll **dmirijiet** li dawn ikollhom u jridu jagħmlu lejn l-Istat Federali. B'hekk, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri fi Stat Federali mhux biss ikollhom il-jeddijiet u d-dmirijiet lejn l-Istat tagħhom, imma anki jeddijiet u **d-dmirijiet** lejn l-Istat Federali.

Fi kliem ieħor, jekk l-Istat Federali jkun jinħtieġ u jkun jista' jiddeċiedi li jiġborhom suldati biex iħares l-interessi tiegħu, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jridu bilfors imorru suldati biex iħarsu l-interessi ta' l-Istat Federali jekk l-Istat Federali jiddeċiedi hekk.

Biex nieħdu eżempju aktar prattiku, l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandha l-Armata, il-Forza Navali u l-Forza ta' l-Ajru tagħha magħmula minn ċittadini mill-Istati Membri tagħha. L-istess jista' jingħad għall-Ġermanja u Stati Federali oħra.

Jekk l-Istati Uniti ta' l-Amerika tiddeċiedi li tattakka xi pajjiż kif ġieli għamlet, l-ebda Stat Membru milli għandha ma jista' jwaqqafha jew ma jibgħatx iċ-ċittadini tiegħu li jkunu fl-armata, fil-forza navali jew fil-forza ta' l-ajru Amerikana għaliex jgħid li mhux fl-interess tiegħu li jieħu sehem.

Lanqas ma jista' jwaqqaf lill-Gvern Federali milli jordna l-lieva jew li s-suldati riserva jmorru jiġġieldu fejn jintbagħtu mill-Gvern Federali.

Iċ-ċittadini ta' kull Stat Amerikan huma wkoll ċittadini Amerikani ta' l-Istat Federali u jridu jobdu l-ordnijiet federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u mhux ta' l-Istat li minnu huma jkunu ġejjin.

## Effetti u Supremazija ta' Kostituzzjoni Federali

Fejn ikun hemm Stat Federali u Kostituzzjoni Federali jfisser li waqt li l-Kostituzzjoni ta' kull Stat li jkunu jiffurmaw parti minn dak l-Istat Federali tkun tgħid li hija l-aqwa u l-għola liġi ta' kull Stat individwali, il-Kostituzzjoni tagħhom tkun inqas u tkun sottomessa għall-Kostituzzjoni Federali.

Fi kliem ieħor, minkejja li l-Kostituzzjoni ta' kull Stat Membru ta' l-Istat Federali tista' tibqa' tissejjaħ bħala l-aqwa u l-għola liġi ta' dak l-Istat Membru, fil-fatt la dik il-Kostituzzjoni u lanqas xi liġi oħra ta' xi Stat Membru ma hija effettivament l-aqwa u l-għola liġi għaliex ma jistax b'xi mod ikollha xi ħaġa fiha li tkun kontra jew ma taqbilx mal-Kostituzzjoni Federali.

Għaldaqstant, minkejja li fil-Kostituzzjoni ta' Stat Membru jista' jkun hemm miktub li dik hija l-Kostituzzjoni u għalhekk hija l-aqwa u l-għola liġi ta' dak l-Istat li kull liġi oħra trid tkun taqbel magħha, dik l-istess Kostituzzjoni hija inqas mill-Kostituzzjoni Federali u sottomessa lejha.

B'hekk, jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil, hija l-Kostituzzjoni Federali li jkollha preċedenza u tkun tgħodd fuq il-Kostituzzjoni ta' Stat individwali u mhux kontra.

Biex wieħed jifhem aħjar tajjeb li nagħtu eżempju. Waqt li kull Stat ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandu l-Kostituzzjoni tiegħu, il-Kostituzzjonijiet tagħhom huma kollha suġġetti għall-Kostituzzjoni Federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. L-istess jista' jingħad għal-liġijiet tagħhom li wkoll huma suġġetti għall-Kostituzjoni Federali u għal-liġijiet federali.

Fi kliem ieħor, jekk il-Kostituzzjoni Federali jew xi liġi federali tgħid li għandu jsir jew ma jsirx xi ħaġa, kull liġi ta' xi Stat Membru li tkun kontra jew li ma tkunx taqbel mal-Kostituzzjoni Federali jew mal-liġi federali ma tkunx tgħodd sa fejn tkun kontra jew ma tkunx taqbel magħhom.

## Jeddijiet u Konsegwenzi taħt Kostituzzjoni Federali

Bħala konsegwenza li Stat ikun membru fi Stat Federali, il-jeddijiet ta' dak l-Istat Membru jiġu inqas milli kieku dak l-Istat kien **Indipendenti, Ħieles u Sovran** u ma kienx membru ta' Stat Federali. Ħalli nieħdu eżempju biex wieħed jifhem aħjar

Jekk Stat ikun **Indipendenti u Ħieles Sovran** u ma jkunx membru ta' xi Stat Federali, huwa jkollu l-jeddijiet kollha li Stat normalment ikollu. Fost dawn il-jeddijiet, wieħed isib li dak l-Istat jista' jkollu relazzjonijiet diplomatiċi ma' Stati oħra, ikun rappreżentat u jista' jiffirma trattati, konvenzjonijiet u ftehim ma' Stat oħra u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, fosthom u bħala eżempju l-Ġnus Magħquda, ikollu jedd tal-vot f'dawn l-organizzazzjonijiet, u jeddijiet oħra li kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu skond il-liġi internazzjonali.

Barra minn hekk, kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu jedd li jagħmel liġijiet li jidhirlu xierqa għall-iggvernar tajjeb tiegħu u taċ-ċittadini tiegħu, waqt li jieħu deċiżjonijiet fl-aħjar interess tiegħu u taċ-ċittadini tiegħu mingħajr ebda ndħil minn ebda Stat ieħor u minn ħadd, dejjem b'rispett għal Stati oħra u ċ-ċittadini tagħhom.

Issa jekk neżaminaw x'jeddijiet ikollu Stat Membru fi Stat Federali, insibu li ċerti jeddijiet li normalment ikunu eżerċitati minn **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** kif imsemmi hawn fuq ma jkunux jistgħu jibqgħu jiġu eżerċitati minnu, imma jibdew jiġu eżerċitati mill-Istat Federali.

Jekk nieħdu l-eżempju ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, u dan jgħodd għal kull Stat Federali, minkejja li kull Stat għandu l-Kostituzzjoni u l-liġijiet partikolari tiegħu, huwa ma jistax ikollu relazzjonijiet internazzjonali, jiffirma u jirratifika trattati, konvenzjonijiet u ftehim mal-Ġnus Magħquda, ma' Stati oħra, ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali u lanqas ma jkollu jedd tal-vot fihom. Dawn il-jeddijiet huma riservati biss għall-Istat Federali, li fl-eżempju li qed insemmu huwa l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Jekk wieħed jara l-punt dwar il-liġijiet li kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu jedd li jagħmel fl-aħjar interess tiegħu u taċ-ċittadini tiegħu mingħajr ebda ndħil minn ebda Stat ieħor jew xi ħaddieħor, isib li dan il-jedd ma jistax jibqa' jiġi eżerċitat jekk dan jissieħeb fi Stat Federali.

Dan għaliex il-liġijiet kollha tiegħu ma jkunux jistgħu jsiru fl-aħjar interess tiegħu u taċ-ċittadini tiegħu, imma jridu jkunu jaqblu u ma jkunux kontra l-ebda liġi federali, jiġifieri magħmula mill-Istat Federali, anki jekk dawk il-liġijiet ma jkunux jgħoddu għalih u għaċ-ċittadini tiegħu.

Wieħed jista' jara li meta Stat isir membru fi Stat Federali, huwa mhux biss jiġi sottomess għal kull liġi u l-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali, imma jitlef il-jeddijiet kollha, jew għalmenu l-parti l-kbira tagħhom, li Stat normalment għandu jew ikollu skond il-liġi internazzjonali.

Bħala riżultat, jekk inħarsu lejn il-karatteristiċi msemmija aktar qabel li suppost ikollu Stat biex jitqies bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, insibu li Stat li jkun sar Stat Membru fi Stat Federali ma jkollux territorju tiegħu kif kien qabel, għaliex it-territorju jibda jiġi meqjus bħala parti mill-Istat Federali.

Huwa lanqas ma jkollu popolazzjoni tiegħu, għaliex iċ-ċittadini tiegħu jibdew jiġu meqjusa wkoll u primarjament bħala ċittadini ta' l-Istat Federali; la jkollu kontroll effettiv fuq dak kollu li jiġri fit-territorju tiegħu għaliex il-kontroll ikun direttament jew indirettament mill-Istat Federali; u lanqas ma jkunu jista' jkollu relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati jew organizzazzjonijiet oħra.

Fi kliem ieħor, dak l-Istat ikun tilef il-karatteristiċi kollha ta' Stat u lanqas ma jista', strettament, jibqa' jissejjaħ bħala Stat, għaliex il-kelma Stat minnha nfisha hija marbuta, turi jew tfisser li dak il-pajjiż huwa **Indipendenti, Ħieles u Sovran** u għandu l-karatteristiċi kollha biex bihom jkun jista' jeżerċita l-jeddijiet imsemmija iktar qabel mingħajr ebda ndħil minn ħadd.

Daqstant jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** Stati li jsiru Stati Membri fi Stat Federali bħal ma dejjem kien maħsub li tkun l-Unjoni Ewropea, li pass wara pass wara pass dejjem miexja f'din it-triq kif kien minn dejjem ippjanat mill-fundaturi tagħha li kienu federalisti, jiġifieri li jemmnu fi **Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa**.

Anzi jekk wieħed jara kif l-Unjoni Ewropea mxiet 'il quddiem fit-twaqqif tagħha bħala Stat Federali Ewropew u kif il-jeddijiet u s-setgħat ta' l-Istati Membri tnaqqsu u kważi spiċċaw fix-xejn malajr jinduna li jista' jingħad li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Stat Federali.

Issa tajjeb li wara dan it-tifsir fil-qosor ta' xi affarijiet li wieħed tajjeb li jkun jafhom biex jifhem aħjar, neżaminaw dik li qiegħda tiġi proposta bħala l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

**Kif wieħed jista' jara, il-fatt li l-Unjoni Ewropea trid li jkollha Kostituzzjoni jfisser li dan huwa pass ieħor lejn it-twaqqif ta' Stat Federali bil-konsegwenzi msemmija aktar qabel u konsegwenzi oħra li joħorġu mill-istess kostituzzjoni.**

## Ftit Storja

Jista' jingħad li l-ewwel qbil formali dwar dokument li ġie msejjaħ bħala Abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa kien ġie maħruġ fi Brussell fit-18 ta' Lulju 2003 mill-Konvenzjoni li kienet twaqqfet u kienet ilha tiltaqa' biex tilħaq ftehim minn fost il-ħafna opinjonijiet tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u rappreżentanti oħra.

Fil-fatt, kien ingħad li dan kien Abbozz ta' **TRATTAT LI JISTABILIXXI KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA** li kien adottat b'*consensus* mill-Konvenzjoni Ewropea fit-13 ta' Ġunju u fl-10 ta' Lulju 2003 u **SOTTOMESS LILL-PRESIDENT TAL-KUNSILL EWROPEW F'RUMA** mill-Konvenzjoni Ewropea

Wara li kien hemm diffikultajiet dwar dan l-Abbozz, il-partijiet reġgħu ltaqgħu din is-sena, jiġifieri l-2004 biex għamlu tibdil fih li kien aċċetabbli għalihom. Issa naraw jekk dan it-Trattat, għaliex issa m'għadux jissejjaħ Abbozz, kemm huwa aċċettabbli għalina ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Madankollu, ejja qabel naraw x'kien jingħad li kienet ir-raġuni fid-daħla jew prefazju tad-dokument li kien ippreżentat is-sena l-oħra, għaliex dan jagħti tagħrif interessanti biex wieħed jifhem aktar l-għanijiet wara din il-Kostituzzjoni li qiegħda tiġi proposta.

## PREFAZJU

**Għall-Partijiet I u II ta' l-abbozz tat-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa sottomess lill-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Salonka fl-20 ta' Ġunju 2003.**

## PREFAZJU

**Billi ġie nnutat li l-Unjoni Ewropea kienet waslet f'mument definittiv fl-eżistenza tagħha, l-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Laeken fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2001 laqqa' l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Futur ta' l-Ewropa.**

**Il-Konvenzjoni ntalbet biex tabbozza proposti fuq tliet materji: kif tqarreb iċ-ċittadini lejn l-idea Ewropea u l-Istituzzjonijiet Ewropej; kif torganizza l-politika u ż-żona politika Ewropea f'Unjoni mkabbra; u kif tiżviluppa l-Unjoni bħala fattur ta' stabilità u mudell fl-ordni ġdid mondjali.**

**Il-Konvenzjoni identifikat ir-risposti għall-mistoqsijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' Laeken:**

**- hija tipproponi diviżjoni aħjar tal-kompetenzi ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri;**

**- hija tirrakkomanda li jiġu nkorporati flimkien it-Trattati, u li tiġi mogħtija personalità ġuridika lill-Unjoni;**

**- hija tistabbilixxi s-simplifikazzjoni ta' l-istrumenti ta' azzjoni ta' l-Unjoni;**

**- hija tipproponi miżuri sabiex iżżid id-demokrazija, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-Unjoni Ewropea, billi tiżviluppa l-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali għal-leġittimazzjoni ta' l-idea Ewropea, billi tissimplifika l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u billi tagħmel il-funzjonament ta' l-istituzzjonijiet Ewropej iktar trasparenti u jinftiehem aħjar;**

**- hija tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb l-istruttura u jitqawwa r-rwol ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u billi jittieħed kont b'mod partikolari tal-konsegwenzi tat-tkabbir.**

**Id-dikjarazzjoni ta' Laeken ukoll qegħdet il-mistoqsija jekk is-simplifikazzjoni u l-organizzazzjoni mill-ġdid tat-Trattati kenitx tista' tlesti t-triq għall-adozzjoni tat-test kostituzzjonali. Il-proċeduri fil-Konvenzjoni wasslu finalment għall-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa illi kiseb kunsens wiesa' fis-sessjoni plenarja tat-13 ta' Ġunju 2003.**

**Huwa dan it-test li jiena għandi l-privileġġ li nippreżenta llum 20 ta' Ġunju 2003 lill-Kunsill Ewropew li qed jiltaqa' f'Salonka, għan-nom tal-Konvenzjoni Ewropea, bit-tama li jikkostitwixxi il-fundament ta' trattat futur li jistabbilixxi Kostituzzjoni Ewropea.**

**Valéry Giscard d'Estaing**
**President tal-Konvenzjoni**

**Giuliano Amato**
**Viċi-President**

**Jean-Luc Dehaene**
**Viċi-President**

**L-Ewwel Materja**

Tajjeb li jiġi nnutat li kif jingħad,
"**Il-Konvenzjoni ntalbet biex tabbozza proposti fuq tliet materji: kif tqarreb iċ-ċittadini lejn l-idea Ewropea u l-Istituzzjonijiet Ewropej**; …"

Dan ifisser li minkejja li l-Unjoni Ewropea ilha mwaqqfa permezz tad-diversi Trattati sa mill-bidu tas-snin Ħamsin tas-seklu l-ieħor, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha mhux biss mhumiex miġbuda lejn il-ħsieb ta' l-Unjoni Ewropea, mhux biss jaħsbu u jqisu lilhom infushom bħala ċittadini ta' l-Istati Membri, jiġifieri ta' pajjiżhom u mhux ta' l-Unjoni Ewropea, imma saħansitra lanqas iridu jkollhom x'jaqsmu ma' l-idea Ewropea, l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, li fl-Abbozz huma, b'arroganza, imsejħa "**Ewropej**" minflok ta' l-Unjoni Ewropea.

Kieku ma kienx hekk ma kienx ikun hemm ħtieġa li l-Konvenzjoni tabbozza proposti biex tqarreb iċ-ċittadini lejn l-idea Ewropea u l-Istituzzjonijiet Ewropej, mhux hekk?

**It-Tieni Materja**

Innutaw ukoll li t-tieni materja li l-Konvenzjoni kienet mitluba tabbozza proposti fuqha hija, "**kif torganizza l-politika u ż-żona politika Ewropea f'Unjoni mkabbra.**"

Wieħed jiftakar kif fid-daħla għedna li Stat Membru fi Stat Federali ma jkunx jista' jkompli jeżerċita' ċerti jeddijiet fil-qasam jew fora internazzjonali għaliex ikun għadda dawn il-jeddijiet lill-Istat Federali.

Dak li ntalbet tagħmel il-Konvenzjoni kien eżattament il-pass li jwassal biex il-politika u ż–żona politika Ewropea tiġi organizzata, jew, fi kliem ieħor, kollox jibda jsir l-istess fl-Istati Membri kollha permezz ta' l-ordnijiet politiċi mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u nnutaw, li jingħad fiż-żona "**politika Ewropea f'Unjoni mkabbra**".

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħmel pass ieħor lejn it-twaqqif ta' Stat Federali fejn il-politika ssir waħda u l-istess għaż-żona kollha taħt il-ħakma tagħha.

Dan huwa eżatt kif isir fi Stat Federali fejn il-politika tiġi magħmula mill-**Istat Federali** u l-Istati Membri jkollhom joqgħodu għal dak li jiddeċiedi l-Istat Federali u l-istituzzjonijiet tiegħu.

Dan ifisser ukoll li l-Istati Membri ma jibqalhomx aktar il-jedd li jagħmlu l-politika tagħhom, kemm dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-affarijiet interni tagħhom kif ukoll għall-affarijiet barranin, jiġifieri ma' Stati oħra **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

Qed tindunaw kif pass wara pass wara pass l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss qegħdin jitilfu l-jeddijiet tagħhom, imma anki qegħdin jitilfu l-karatteristiċi kollha li Stat ikun meħtieġ li jkollu biex ikun meqjus bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran?**

Ħaġa li ħadd ma jista' jħalli tgħaddi mingħajr ma jikkummenta fuqha hija li min issa 'l quddiem, kważi kull referenza għall-Unjoni Ewropea tissemma biss l-Unjoni.

Dan huwa wkoll ħsieb moħbi, għaliex jekk aktar il-quddiem tissieħeb ukoll it-Turkija, l-Unjoni Ewropea ma tkunx biss Ewropea, għaliex hija biss parti żgħira ħafna mit-Turkija li tinsab fl-Ewropa, waqt li l-kumplament tagħha jinsab fl-Asja.

Tgħid hemm il-ħsieb li tieqaf sat-Turkija? Jew hemm il-ħsieb moħbi li matul iż-żmien tkompli bit-tkabbir tagħha biex jiddaħħlu wkoll pajjiżi oħra fil-Lvant Nofsani fejn hemm ir-riservi taż-żejt u anki aktar lil hinn lejn dawk li qabel kienu kolonji tal-pajjiżi Ewropej?

**Fuq kollox għalfejn l-Unjoni Ewropea trid li jkollha l-armata tagħha bil-mijiet ta' ajruplani tal-gwerra u bil-mijiet ta' bastimenti tal-gwerra?**

Dawn huma rqaqat żgħar li meta tkun qiegħed taqra tibqa' għaddej mingħajr lanqas biss taħseb dwarhom, imma li jekk inti taħseb u tinnota l-affarijiet tinduna li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea diġa' qegħdin iħejju biex ma jkunx hemm kontradizzjoni fl-isem jekk aktar 'il quddiem it-Turkija tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. Qed taraw il-makakkerija tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea?

## It-Tielet Materja

It-tielet materja li l-Konvenzjoni kienet mitluba biex tabbozza proposti għaliha kienet, "**kif tiżviluppa l-Unjoni bħala fattur ta' stabilità u mudell fl-ordni ġdid mondjali.**"

Innutaw kif l-enfasi qiegħda fuq l-**Unjoni Ewropea** u mhux aktar fuq l-Istati Membri.

Hija l-Unjoni Ewropea bħala Unjoni Ewropea distinta u separata mill-Istati Membri tagħha trid tiġi żviluppata bħala fattur ta' stabilita' u mudell fl-ordni mondjali ġdid u mhux l-Istati Membri tagħha.

Dan ifisser ukoll li fl-Istati Membri kollha tant kollox ikun sar l-istess li ma jibqa' l-ebda differenza bejniethom, speċjalment fil-politika internazzjonali, naturalment bl-ordnijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li mbagħad tibda titqies bħala ħaġa waħda f'kollox.

Qegħdin taraw fejn qed issir il-pressjoni, xi jrid jiġi żviluppat, u min qiegħed jingħata mportanza, jekk hijiex l-Unjoni Ewropea bħala l-Istat Federali jew inkella l-Istati Membri tagħha?

## Diviżjoni tal-Kompetenzi

Jekk wieħed ikompli jara x'riżultati kien hemm mill-Konvenzjoni dwar il-Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea jsib li jingħad li, **"hija tipproponi diviżjoni aħjar tal-kompetenzi ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri."**

Wieħed malajr jinduna li l-Konvenzjoni dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea kompliet tnaqqas u taqsam il-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea.

Dan ifsser li aktar kompetenzi se jkomplu jonqsu mingħand l-Istati Membri u jmorru għand l-Unjoni Ewropea.

Tidher jew le l-mixja pass wara pass wara pass lejn it-twaqqif ta' Stat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

**Inkorporazzjoni tat-Trattati**

Fl-Abbozz ikompli jingħad dwar il-Konvenzjoni li, **"hija tirrakkomanda li jiġu nkorporati flimkien it-Trattati, u li tiġi mogħtija personalità ġuridika lill-Unjoni."**

Waqt li għall-ewwel parti m'hemmx għalfejn wieħed jgħaddi kummenti għaliex hemm sempliċi rakkomandazzjoni biex it-Trattati li saru fi snin differenti u ġew emendati kemm-il darba jingħaqdu flimkien, mhux l-istess jista' jingħad dwar it-tieni parti ta' din is-sentenza.

**Effett tal-Personalita' Ġuridika**

Waqt li qabel kien ġie argumentat mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewopea li l-Unjoni Ewropea ma kellhiex il-personalita' ġuridika biex hija tkun tista' tiffirma l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, issa qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea sejra tingħata personalita' ġuridika.

Personalita' ġuridika tfisser li l-Unjoni Ewropea sejra tkun meqjusa bħala entita' separata u distinta mill-Istati Membri tagħha għall-finijiet kollha tal-liġi u tkun tista' teżerċita l-jeddijiet kollha li **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** normalment għandu jedd li jeżerċita.

Dan ifisser ukoll li l-Unjoni Ewropea distinta u separatament mill-Istati Membri tagħha mhux biss tista' tilħaq, tiffirma u tirratifika Ftehim, Konvenzjonijiet u Trattati ma' Stati u organizzazzjonijiet oħra, imma bħala Stat Federali tkun qed torbot lill-Istati Membri tagħha b'dak kollu li tiffirma u tirratifika.

Waqt li qabel kienet tista' tinstab l-iskuża biex l-Unjoni Ewropea ma tiffirmax xi trattati li ma kienx jaqblilha, bħal ma kienet il-Konvenzjoni msemmija, issa se jkollha jedd li tagħmel dak kollu li trid daqs li kieku kienet **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran.**

Qabel xorta waħda kienet torbothom, imma jekk tgħaddi l-Kostituzzjoni ma jkun hemm ebda dubju dwar il-jeddijiet tagħha bħala persuna ġuridika u r-rabta ta' l-Istati Membri f'dak kollu li tagħmel, tiffirma u tirratifika.

Dan ma jfissirx li hija se tiffirma u tkun sottomessa lejn xi Qorti barranija bħal ma hija l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif normalment huma l-Istati li jiffirmaw din il-Konvenzjoni, għaliex aktar tard naraw li hija tirriserva li jkunu l-Qrati tagħha stess li jiddeċiedu dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

L-awtorizzazjoni biex l-Unjoni Ewropea tiffirma l-konvenzjoni msemmija u oħrajn huma maħsuba biss biex sempliċiment iqarrqu biċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li normalment ma joqgħodux jidħlu f'dettalji dwar dak li jkun sar, imma jaraw biss dak li jkun jidher u li hafna drabi jkun biss superfiċjali.

Madankollu, wieħed jista' jara mingħajr l-iċken dubju l-mixja pass wara pass wara pass lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

**<u>Simplifikazzjoni ta' l-Istrumenti</u>**

Jingħad ukoll dwar il-Konvenzjoni li, **"hija tistabbilixxi s-simplifikazzjoni ta' l-istrumenti ta' azzjoni ta' l-Unjoni**;"

Hawnhekk wieħed jara li kien hemm simplifikazzjoni ta' l-istrumenti ta' azzjoni ta' l-Unjoni, jiġifieri li sar aktar sempliċi biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tieħu azzjoni skond l-istrumenti, jiġifieri l-proċeduri li hija trid tagħmel, biex tieħu xi azzjoni.

Dan ifisser li waqt li qabel kien ikun hemm diffikultajiet minħabba li Stati Membri kellhom jedd li jwaqqfu jew itawwlu l-proċeduri biex l-Unjoni Ewropea tieħu xi azzjoni f'xi oqsma, issa dawn sejrin isiru aktar sempliċi biex l-Unjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni u l-azzjoni li tkun trid.

Fi kliem ieħor, naqsu l-jeddijiet ta' l-Istati Membri u kibru dawk ta' l-Unjoni Ewropea. Tidher jew le l-mixja lejn Stat Federali Ewropew bit-tnaqqis tal-jeddijiet ta' l-Istati Membri u t-teħid ta' dawn il-jeddijiet mill-Unjoni Ewropea?

**<u>Demokrazija, Trasparenza u Effiċjenza</u>**

Jingħad ukoll dwar il-Konvenzjoni li,
**"hija tipproponi miżuri sabiex iżżid id-demokrazija, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-Unjoni Ewropea, billi tiżviluppa l-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali għall-leġittimazzjoni ta' l-idea Ewropea, billi tissimplifika l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u billi tagħmel il-funzjonament ta' l-istituzzjonijiet Ewropej iktar trasparenti u jinftiehem aħjar;"**

M'hemmx dubju li l-Konvenzjoni stess qiegħda tammetti u tgħid li fl-Unjoni Ewropea m'hemmx, jew għallinqas m'hemmx biżżejjed demokrazija, trasparenza u effiċjenza minkejja li f'xi forma jew oħra ilha mwaqqfa iktar minn ħamsin sena sa mill-bidu tas-snin ħamsin ta' l-aħħar seklu u millennju.

Kieku ma kienx hekk ma kienx ikun hemm għalfejn tgħid li hija tipproponi miżuri biex dawn jiżdiedu, mhux hekk?

**<u>Parlamenti Nazzjonali</u>**

**Ta' min jinnota wkoll li jingħad li jrid jiġi żviluppat il-kontribut, jew aħjar is-sehem, tal-Parlamenti nazzjonali għall-leġittimazzjoni ta' l-idea Ewropea.**

Din hija ammissjoni oħra mill-aktar ċara li minkejja li għaddew aktar minn ħamsin sena ta' ħasil il-moħħ dwar l-idea Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet kollha ta' l-

Unjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet ta' qabel, jiġifieri l-Komunita' tal-Faħam u l-Azzar, il-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, il-Komunita' Ekonomika Ewropea u warajha l-Komunita' Ewropea, u issa l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħhom kollha, **f'għajnejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u ċittadini oħra Ewropej għad m'hemmx il-leġittimazzjoni u t-twemmin fl-idea Ewropea.**

Fi kliem ieħor, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma jemmnux li għandu jkun hemm l-Unjoni Ewropea bl-istituzzjonijiet tagħha li ma huma mtella minn ħadd, u li jordnaw dak kollu li għandu jsir mill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom u tagħha, kif ukoll li huma jaraw u jħossu lilhom infushom iktar ċittadini ta' pajjiżhom milli ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

Tant dan huwa minnu, li issa jridu s-sehem tal-parlamenti nazzjonali biex ikomplu jaħslu l-imħuh taċ-ċittadini tagħhom biex jaċċettaw is-sottomissjoni tagħhom lejn l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet mhux demokratiċi, mhux tasparenti, u mhux effiċjenti tagħha.

Issa biex wara aktar minn ħamsin sena m'hemmx din l-idea Ewropea jfisser li ċ-ċittadini mhux biss ma jemmnux fl-Unjoni Ewropea u ma jriduhiex, imma jqisuha bħala organizzazzjoni li tindaħal fejn m'għandhiex tindaħal. Kieku ma kienx hekk wara iktar minn ħamsin sena kienu jemmnu fiha, mhux hekk?

Bl-istess mod, m'hemmx dubju li l-istess sentenza qiegħda tgħid ċar u tond li l-funzjonament ta' l-istituzzjonijiet Ewropej, jiġifieri kif jaħdmu, la huwa trasparenti u lanqas jiftiehem.

Dan qegħdin jgħiduh huma stess u mhux qiegħed jgħidu xi ħaddieħor għalihom. Kieku ma kienx hekk ma kienux jgħidu li jridu jagħmluh aktar trasparenti u jiftiehem, mhux hekk?

**Huwa ċar li huma biss il-politiċi li jpappuha tajjeb u l-kapitalisti li dejjem iridu jerdgħu demm il-ħaddiem li huma favur l-Unjoni Ewropea mhux iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.**

**<u>Titjib fl-Istruttura u Konsegwenzi tat-Tkabbir</u>**

Ikompli jingħad li,
**"hija tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb l-istruttura u jitqawwa r-rwol ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u billi jittieħed kont b'mod partikolari tal-konsegwenzi tat-tkabbir."**

Hawnhekk hawn ammissjoni oħra li l-istrutturi ta' l-Unjoni Ewropea mhumiex strutturati tajjeb minkejja li ilhom imwaqqfa aktar minn ħamsin sena. Jista' qatt ikollok organizzazzjoni tajba u effiċjenti jekk f'aktar minn ħamsin sena l-istituzzjonijiet ma ħadux passi biex isiru tajba jew jitjiebu minħabba l-iżviluppi li kien hemm matul is-snin?

Tajjeb li tinnutaw ukoll li qiegħed jingħad li r-rwol, jiġifieri s-sehem u l-parti ta' kull istituzzjoni, jiġifieri ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, għandu jitqawwa.

Fi kliem ieħor, iridu jieħdu iktar jeddijiet mingħand l-Istati Membri li min-naħa tagħhom jonqsulhom l-istess jeddijiet. Aktar 'il quddiem naraw permezz ta' l-Artiklu ta' din il-Kostituzzjoni kemm jeddijiet jingħad li se jonqsu mingħand l-Istati Membri u jmorru għand l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif f'kull ma jsir u jingħad tidher il-mixja pass wara pass wara pass lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew kif kien maħsub mill-Federalisti Internazzjonali bħala wieħed mill-ewwel passi lejn Gvern Dinji minħabba li skond huma, it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew kellu jkun l-ewwel pass għaliex il-pajjiżi kienu għadhom mhux lesti li jaċċettaw li jkunu ggvernati minn Gvern Dinji?

**<u>Nuqqas ta' Qbil</u>**

Kien ingħad ukoll li,
**"Il-proċeduri fil-Konvenzjoni wasslu finalment għall-abbozz ta' Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa illi kiseb kunsens wiesa' fis-sessjoni plenarja tat-13 ta' Ġunju 2003."**

U issa, wara li suppost kien intlaħaq qbil, instab li mhux kulħadd kien kuntent bit-test tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt, Franza kienet ġiet akkużata li bidlet it-test li kellu jerġa' jiġi rranġat. Aktar tard, xorta baqa' nuqqas ta' qbil, u kellhom jerġgħu jsiru laqgħat biex fl-aħħar kien hemm tibdil ieħor.

Dan ma jfissirx li hemm qbil fuq dak li fiha l-Kostituzzjoni, għaliex xorta waħda għadha tiġi attakkata u hemm min ma jridx jaċċettaha. Madankollu, ħalli nkomplu naraw x'kien qiegħed jingħad fl-Abbozz tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li sar fl-2003.

**Tuċidide**

Tajjeb li qabel ngħaddu aktar ‘il quddiem, nikkummentaw fuq din il-parti li tneħħiet mill-aħħar Abbozz li sar qbil fuqu għall-aħħar ta’ Ġunju 2004 qabel spiċċat il-Presidenza Irlandiża.

**PREAMBOLU**

***Il-Kostituzzjoni tagħna tissejjaħ demokrazija għaliex il-poter ma jinstabx f'idejn minoranza iżda f’idejn l-akbar numru.***

***Tuċidide II, 37***

Din il-kwotazzjoni ta’ Tuċidide, li kien filosofu Griek, tneħħiet wara oppożizzjoni kbira. Trid tkun vili, ma jkollokx qatra żejt f’wiċċek, u wiċċek ikun agħar mill-għatba tal-Klistanija biex waqt li l-poter jinsab għand ftit nies li lanqas huma mtella mill-ebda ċittadin ta’ l-Istati Membri, li m’humiex risponsabbli lejn l-istess ċittadini u li jiddeċiedu bl-akbar arroganza dak kollu li jridu jagħmlu l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom, tgħid li l-kostituzzjoni tiegħek hija demokrazija għaliex il-poter ma jinstabx f’idejn minoranza iżda f’idejn l-akbar numru.

Tista’ tkun vili, ma jkollokx qatra żejt f’wiċċhek u jkollok wiċċek agħar mill-għatba tal-Klistanija aktar minn hekk? Imma ħalli issa niġu għall-Kostituzzjoni kif ġiet emendata din is-sena

**KONFERENZA TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI**

**Brussel, is-6 ta' Awwissu 2004**
**(OR. fr)**
**KIG 87/04**

**Suġġett: Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa**

**WERREJ**


**PREAMBOLU**

**PARTI I**

| | |
|---|---|
| **TITOLU I** | **- TIFSIR U GĦANIJIET TA' L-UNJONI** |
| **TITOLU II** | **- DRITTIJIET FUNDAMENTALI U Ċ-ĊITTADINANZA TA' L UNJONI** |
| **TITOLU III** | **- KOMPETENZI TA' L-UNJONI** |
| **TITOLU IV** | **- ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI** |
| **KAPITOLU I** | **- IL-QAFAS ISTITUZZJONALI** |
| **KAPITOLU II** | **- L-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA U L-KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI** |
| **TITOLU V** | **- EŻERĊIZZJU TAL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI** |
| **KAPITOLU I** | **- DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI** |
| **KAPITOLU II** | **- DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI** |
| **KAPITOLU III** | **- KOPERAZZJONI MSAĦĦA** |
| **TITOLU VI** | **- ĦAJJA DEMOKRATIKA TA' L-UNJONI** |
| **TITOLU VII** | **- FINANZI TA' L-UNJONI** |
| **TITOLU VIII** | **- L-UNJONI U L-ĠIRIEN TAGĦHA** |
| **TITOLU IX** | **- SĦUBIJA FL-UNJONI** |
| **PARTI II:** | **KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI** |

**PREAMBOLU**

| | |
|---|---|
| **TITOLU I** | **- DINJITÀ** |
| **TITOLU II** | **- LIBERTAJIET** |
| **TITOLU III** | **- UGWALJANZA** |
| **TITOLU IV** | **- SOLIDARJETÀ** |
| **TITOLU V** | **- ĊITTADINANZA** |
| **TITOLU VI** | **- ĠUSTIZZJA** |
| **TITOLU VII** | **- DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI LI JIRREGOLAW L-INTERPRETAZZJONI U L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA** |

| | |
|---|---|
| PARTI III: | POLITIKA U FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI |
| TITOLU I | - DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI |
| TITOLU II | - NON-DISKRIMINAZZJONI U ĊITTADINANZA |
| TITOLU III | - POLITIKA U AZZJONIJIET INTERNI |
| | |
| KAPITOLU I | - SUQ INTERN |
| Sezzjoni 1 | - Stabbiliment u funzjonament tas-Suq Intern |
| Sezzjoni 2 | - Moviment liberu ta' persuni u ta' servizzi |
| Subsezzjoni 1 | - Ħaddiema |
| Subsezzjoni 2 | - Liberta' ta' stabbiliment |
| Subsezzjoni 3 | – Liberta' tal-provvista ta' servizzi |
| Sezzjoni 3 | - Moviment liberu tal-merkanzija |
| Subsezzjoni 1 | - Unjoni Doganali |
| Subsezzjoni 2 | - Koperazzjoni doganali |
| Subsezzjoni 3 | - Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi |
| Sezzjoni 4 | - Kapital u pagamenti |
| Sezzjoni 5 | - Regoli dwar il-kompetizzjoni |
| Subsezzjoni 1 | - Regoli li japplikaw għal impriżi |
| Subsezzjoni 2 | - Għajnuniet mill-Istati Membri |
| Sezzjoni 6 | - Disposizzjonijiet fiskali |
| Sezzjoni 7 | - Disposizzjonijiet komuni |
| | |
| KAPITOLU II | - POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA |
| Sezzjoni 1 | - Politika ekonomika |
| Sezzjoni 2 | - Politika monetarja |
| Sezzjoni 3 | - Disposizzjonijiet istituzzjonali |
| Sezzjoni 4 | - Disposizzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro |
| Sezzjoni 5 | - Disposizzjonijiet transitorji |
| | |
| Kapitolu III | - POLITIKA F'OQSMA OĦRA |
| Sezzjoni 1 | - Impjieg |
| Sezzjoni 2 | - Politika soċjali |
| Sezzjoni 3 | - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali |
| Sezzjoni 4 | - Agrikoltura u sajd |
| Sezzjoni 5 | - Ambjent |
| Sezzjoni 6 | - Protezzjoni tal-konsumatur |
| Sezzjoni 7 | - Trasport |
| Sezzjoni 8 | - Rettikolati trans-Ewropej |
| Sezzjoni 9 | - Riċerka u żvilupp teknoloġiku, u l-Ispazju |
| Sezzjoni 10 | - Enerġija |
| | |
| KAPITOLU IV | - ŻONA TA' LIBERTA' SIGURTA' U ĠUSTIZZJA |
| Sezzjoni 1 | - Disposizzjonijiet ġenerali |
| Sezzjoni 2 | - Politika dwar kontrolli fuq il-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni |
| Sezzjoni 3 | - Koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili |
| Sezzjoni 4 | - Koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali |
| Sezzjoni 5 | - Koperazzjoni tal-pulizija |

| | |
|---|---|
| KAPITOLU V | - OQSMA FEJN L-UNJONI TISTA' TIDDEĊIEDI LI TIEĦU AZZJONI TA' SOSTENN, TA' KORDINAZZJONI JEW KUMPLIMENTARI |
| Sezzjoni 1 | - Saħħa pubblika |
| Sezzjoni 2 | - Industrija |
| Sezzjoni 3 | - Kultura |
| Sezzjoni 4 | - Turiżmu |
| Sezzjoni 5 | - Edukazzjoni, żgħażagħ, sport u formazzjoni professjonali |
| Sezzjoni 6 | - Protezzjoni ċivili |
| Sezzjoni 7 | - Koperazzjoni amminstrattiva |
| TITOLU IV | - ASSOĊJAZZJONI TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ |
| TITOLU V | - AZZJONI ESTERNA TA' L-UNJONI |
| KAPITOLU I | - DISPOSIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI |
| KAPITOLU II | - POLITIKA ESTERA U TA' SIGURT' KOMUNI |
| Sezzjoni 1 | - Disposizzjonijiet komuni |
| Sezzjoni 2 | - Politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni |
| Sezzjoni 3 | - Disposizzjonijiet finanzjarji |
| KAPITOLU III | - POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI |
| KAPITOLU IV | - KOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI U GĦAJNUNA UMANITARJA |
| Sezzjoni 1 | - Koperazzjoni għall-iżvilupp |
| Sezzjoni 2 | - Koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi |
| Sezzjoni 3 | - Għajnuna umanitarja |
| KAPITOLU V | - MIŻURI RESTRITTIVI |
| KAPITOLU VI | - FTEHIM INTERNAZZJONALI |
| KAPITOLU VII | - RELAZZJONIJIET TA' L-UNJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U MA' PAJJIŻI TERZI U DELEGAZZJONIJIET TA' L-UNJONI |
| KAPITOLU VIII | - IMPLIMENTAZZJONI TAL-KLAWŻOLA TA' SOLIDARJETÀ |
| TITOLU VI | - IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI |
| KAPITOLU I | -DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI |
| Sezzjoni 1 | - L-istituzzjonijiet |
| Subsezzjon 1 | - Il-Parlament Ewropew |
| Subsezzjon 2 | - Il-Kunsill Ewropew |

| | |
|---|---|
| **Subsezzjoni 3** | **- Il-Kunsill tal-Ministri** |
| **Subsezzjoni 4** | **- Kummissjoni Ewropea** |
| **Subsezzjoni 5** | **- Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea** |
| **Subsezzjoni 6** | **- Il-Bank Ċentrali Ewropew** |
| **Subsezzjoni 7** | **- Il-Qorti ta' l-Awdituri** |
| **Sezzjoni 2** | **- Korpi konsultattivi ta' l-Unjoni** |
| **Subsezzjoni 1** | **- Il-Kumitat tar-Reġjuni** |
| **Subsezzjoni 2** | **- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali** |
| **Sezzjoni 3** | **- Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment** |
| **Sezzjoni 4** | **- Disposizzjonijiet komuni għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni** |
| | |
| **KAPITOLU II** | **- DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI** |
| **Sezzjoni 1** | **- Il-Qafas finanzjarju pluriennali** |
| **Sezzjoni 2** | **- Il-Budget annwali ta' l-Unjoni** |
| **Sezzjoni 3** | **- Implimentazzjoni tal-budget u kwittanza** |
| **Sezzjoni 4** | **- Disposizzjonijiet komuni** |
| **Sezzjoni 5** | **- Ġlieda kontra l-frodi** |
| | |
| **Kapitolu III** | **- KOPERAZZJONI MSAĦĦA** |
| | |
| **TITOLU VII:** | **DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI** |
| **PARTI IV:** | **DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI** |

**TRATTAT LI JISTABBILIXXI KOSTITUZZJONI GĦALL-EWROPA**

**PREAMBOLU**

**IL-MAESTA' TIEGĦU IR-RE TAL-BELĠJANI,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ĊEKA,**
**IL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA,**
**IL-MAESTA' TIEGĦU IR-RE TA' SPANJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,**
**IL-PRESIDENT TA' L-IRLANDA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA,**
**IL-PRESIDENT TAR REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,**
**L-ALTEZZA RJALI TIEGĦU IL-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,**
**IL-PRESIDENT TA' MALTA,**
**IL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA TA' L-OLANDA,**
**IL-PRESIDENT FEDERALI TAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,**
**IL-GVERN TAR-RENJU TA' L-ISVEZJA,**
**IL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,**

**ISPIRATI mill-patrimonju kulturali, reliġjuz u umanist ta' l-Ewropa, li minnu żviluppaw il-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem li ma jistgħux jiġu vjolati u lanqas aljenati, il-liberta' id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-prinċipju ta' l-istat tad-dritt;**

**BILLI JEMMNU li l-Ewropa, maqgħuda mill-ġdid wara esperjenzi koroh, bi ħsiebha tkompli ssegwi t-triq taċ-ċivilta' l-progress u l-prosperita' għall-ġid ta' l-abitanti kollha tagħha, inklużi dawk l-iktar dgħajfin u l-iktar nieqsin; li tixtieq tibqa' kontinent miftuħ għall-kultura, t-tagħlim u l-progress soċjali; u li tixtieq issaħħaħ in-natura demokratika u trasparenti tal-ħajja pubblika tagħha, u li taħdem għall-paċi, l-ġustizzja u s-solidarjeta' fid-dinja;**

**PERSWAŻI li l-popli ta' l-Ewropa, filwaqt li jibqgħu kburin bl-identita' u bl-istorja nazzjonali tagħhom, huma determinati li jittraxxendu d-divizjonijiet ta' qabel tagħhom, u, maqgħudin dejjem aktar, isawru destin komuni;**

**PERSWAŻI li, għaldaqstant "Maqgħuda fid-diversita`", l-Ewropa toffri lill-popli ta' l-Ewropa l-aħjar opportunita' fir-rispett tad-drittijiet ta' kull individwu u fl-għarfien tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u lejn il-pjaneta, li jsegwu l-avventura kbira li tagħmilha spazju privileġġjat ta' tama ta' l-umanita'**

**DETERMINATI li jkomplu x-xogħol li diġa' sar fil-qafas tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi jiżguraw il kontinwita' ta' l-acquis tal-Komunita'**

**GRATI LEJN il-membri tal-Konvenzjoni Ewropea talli ppreparaw l-abbozz ta' din il-Kostituzzjoni għan-nom taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa,**

**L-ewwel Insult lill-Malta**

Ħalli neżaminaw dawn il-paragrafi wieħed wieħed, imma qabel irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li waqt li dwar ħafna mir-rappreżentanti tal-pajjiżi jew aħjar Stati Membri jingħad li huma **IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA'**…., dwar Malta ma jingħadx **IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA**, imma **IL-PRESIDENT TA' MALTA.**

Aħna nafu li hemm xi wħud li qatt ma ħamlu li Malta ssir Repubblika, imma li issa anki l-Unjoni Ewropea tirreferi sempliċiment għall-**MALTA** u mhux għar-**REPUBBLIKA TA' MALTA** juri mhux biss l-arroganza ta' dawk li qatt ma riedu li Malta ssir Repubblika li aċċettaw dan, imma anki ta' l-istess Unjoni Ewropea li b'hekk qed turi nuqqas ta' rispett u arroganza lejn ir-**REPUBBLIKA TA' MALTA**.

Dan huwa l-ewwel insult mill-Unjoni Ewropea lejn Malta u lejn iċ-ċittadini Maltin f'din il-kostituzzjoni tagħha.

**Iċ-Ċivilizzazzjoni Ewropea**

Fl-Abbozz tas-sena l-oħra kien ingħad li,
**"Konxji li l-Ewropa hija kontinent li ġab miegħu ċ-ċivilizzazzjoni; li l-abitanti tagħha, li waslu f'mewġiet suċċessivi sa mill-ewwel żminijiet, u li progressivament żviluppaw il-valuri li huma l-bażi ta' l-umaneiżmu: l-ugwaljanza, il-libertà u rispett għar-raġuni,"**

Dan il-paragrafu tneħħa mit-Trattat kif ippubblikat issa, imma tajjeb li xorta waħda nagħmlu l-mistoqsijiet tagħna fuq dan il-paragrafu.

Tajjeb li nistaqsu kif tista' tiftaħar biċ-ċivilta' jew ċivilizzazzjoni Ewropea meta fost l-affarijiet sbieħ li din iċ-ċivilta' għamlet kien hemm:

- gwerer kbar li fihom inqerdu miljuni kbar ta' nies;
- Imperi li kkolonizzaw pajjiżi oħra, serqulhom ġidhom kollu u jassru liċ-ċittadini tagħhom;
- intriċċi sigrieti bejn il-ħakkiema u renjanti tal-pajjiżi u Imperi Ewropej;
- qtil barbaru u torturi ta' nieshom stess u taċ-ċittadini tal-pajjiżi li huma ħakmu; il-qerda ta' popli sħaħ kull fejn marru; u
- t-tgħakkis u l-persekuzzjoni ta' nieshom stess li kellhom iħallu pajjiżhom u jmorru jfittxu kenn fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u pajjiżi oħra.

Dawn huma ftit biss mill-ħniżrijiet imwettqa miċ-ċivilta' u ċivilizzazzjoni Ewropea li tant kienu qegħdin jiftaħru biha fl-Abbozz tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, innutaw li jingħad li l-abitanti tagħha waslu f'mewġiet suċċessivi, jiġifieri waħda wara l-oħra, sa mill-ewwel żminijiet. Dan il-paragrafu tneħħa għaliex kien ifisser li l-Unjoni Ewropea kienet qiegħda tammetti li l-Ewropej ġew minn xi mkien ieħor u mhux għaliex kienu oriġinaw fl-Ewropa. Mhux ta' unur li l-Unjoni Ewropea tammetti li ċ-ċittadini Ewropej ġew minn xi mkien ieħor, mhux hekk?

## Ispirazzjoni

Fl-Abbozz tas-sena l-oħra, kien ingħad li,
**"Ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanist ta' l-Ewropa, li minnhom ħarġu l-valuri dejjem preżenti fil-patrimonju tagħha li daħħlu fil-qalba tas-soċjetà ir-rwol ċentrali tal-persuna umana u d-drittijiet li ma jistgħux jiġu la vjolati u lanqas aljenati, u r-rispett għal-liġi,"**

Issa, l-ewwel paragrafu jgħid li,
**ISPIRATI mill-patrimonju kulturali, reliġjuż u umanist ta' l-Ewropa, li minnu żviluppaw il-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem li ma jistgħux jiġu vjolati u lanqas aljenati, il-liberta', id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-prinċipju ta' l-istat tad-dritt;**

L-ewwel nett araw ftit l-arroganza ta' min fassal il-Kostituzzjoni, għaliex għalkemm il-patrimonju msemmi ta' l-Ewropa ta valuri li minnhom ħarġu l-valuri msemmija, dawn ma ġewx biss mill-Ewropa. Mhux biss, imma kien hemm valuri oħra li ħarġu mill-Ewropa.

Fil-fatt, kif tista' tkun ispirat mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanist ta' l-Ewropa meta kien hemm dawk il-ġrajjiet kollha msemmija aktar 'il fuq? Mhux biss, imma tajjeb li wieħed ifakkar li kien fl-Ewropa li kien hemm l-Inkwiżizzjoni li kienet tittortura u toqtol lil min kien jiġi mixli li kien ċaħad it-tagħlim nisrani jew li kien saħħar jew kienet saħħara.

Kif tista' tkun ispirat minn dawn l-affarijiet meta tiftakar kif nies, fosthom qassisin bħal Luteru, kienu kkundannati u kien hemm min kien ittorturat u nqatel billi nħaraq ħaj għaliex kien ingħad li kien qal ereżija? Dawn ukoll kienu valuri Ewropej.

Dwar drittijiet li ma jistgħux jiġu "**la vjolati u lanqas aljenati"** tfisser li dawn id-drittijiet la jistgħu jiġu miksura u lanqas jiġi miċħuda, mibjuha jew b'xi mod ieħor ċeduti minn min għandu dawn id-drittijiet.

## Esperjenzi Koroħ

Fl-Abbozz ta' qabel kien ingħad li,
**"Konvinti li l-Ewropa unita mill-ġdid minn issa 'l quddiem bi ħsiebha ssegwi l-mixja taċ-ċiviltà, progress u prosperità, għall-ġid ta' l-abitanti tagħha kollha, inklużi dawk li huma l-iktar debboli u l-iktar nieqsa; billi tixtieq tibqa' kontinent miftuħ għall-kultura, għerf u progress soċjali; u billi tixtieq tagħmel iktar**

**demokratikament profonda u trasparenti il-ħajja pubblika tagħha, u sabiex taħdem għall-paċi, għall-ġustizzja u għas-solidarjetà fid-dinja kollha,"**

Issa qiegħed jingħad li,
**BILLI JEMMNU li l-Ewropa, maqgħuda mill-gdid wara esperjenzi koroh, bi ħsiebha tkompli ssegwi t-triq taċ-ċivilta' l-progress u l-prosperita' għall-ġid ta' l-abitanti kollha tagħha, inklużi dawk l-iktar dgħajfin u l-iktar nieqsin; li tixtieq tibqa' kontinent miftuh għall-kultura, t-tagħlim u l-progress soċjali; u li tixtieq issaħħah in-natura demokratika u trasparenti tal-ħajja pubblika tagħha, u li taħdem għall-paċi, l-ġustizzja u s-solidarjeta' fid-dinja;**

L-ewwel nett, issa għalmenu ammettew li l-Ewropa għaddiet minn esperjenzi koroh, u kulħadd jista' jinduna kemm kellna raġun nagħmlu l-kummenti li għamilna aktar qabel.

Madankollu, hawnhekk mhux se nikkummentaw dwar li l-Ewropa hija magħquda mill-ġdid, għaliex l-esperjenza ta' mijiet u eluf ta' snin uriet li l-Ewopa tingħaqad għal xi żmien imma tant hemm differenzi bejn ir-razez u nazzjonijiet li jiffurmawha li dejjem spiċċaw reġgħu nfirdu, fil-biċċa l-kbira bi ġlied kbir. **Hekk dejjem ġara u hekk sejjer jerġa' jiġri fl-Unjoni Ewropea.**

Tinsewx li aktar qabel rajna li fl-istess daħla tal-Kostituzzjoni kien jingħad li **"l-abitanti tagħha, li waslu f'mewġiet suċċessivi sa mill-ewwel żminijiet".** Għaldaqstant dan ifisser li ma ġewx min-naħa waħda, imma minn diversi nħawi, u għalhekk għadhom differenti sa' llum.

Tagħmel x'tagħmel l-Unjoni Ewropea, tagħmel kemm tagħmel spjunaġġ fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, meta l-qiegħa tisħon u l-poplu jqum ħadd u xejn ma jkun jista' jżommu.

Kif ħadd ma żamm lill-poplu meta għamel ir-rivoluzzjoni Franċiża u r-rivoluzzjoni Russa u ħasad l-irjus ta' dawk li kienu qegħdin jaħkmuh mingħajr ħniena kif qiegħda tagħmel l-Unjoni Ewropea. Kif se jerġa' jiġri aktar 'il quddiem

Biex nerġgħu lura għall-paragrafu, waqt li issa ammettew li l-Ewropa għaddiet minn esperjenzi koroh, min-naħa l-oħra neħħew il-biċċa fejn jingħad "**minn issa 'l quddiem**", għaliex kien ċar li huma kienu qegħdin jammettu li qabel ma kienux isegwu l-mixja taċ-ċivilta', progress u prosperita' għall-għanjijiet li jingħataw fil-paragrafu.

Jammettu xi ħaġa ġdida, imma fl-istess waqt jippruvaw inessu xi ħaġa li jkunu ammettew qabel biex jippruvaw jgħattu xturhom.

## <u>Identita' Nazzjonali</u>

Il-paragrafu li jmiss kien jgħid li,
**"Persważi li l-popli ta' l-Ewropa, filwaqt li jibqgħu kburin mill-identitajiet nazzjonali u mill-istorja tagħhom, huma determinati sabiex jittraxxendu d-diviżjonijiet antiki tagħhom, u, uniti aktar fil-qrib, isawru destin komuni,"**

Issa jgħid li,
**PERSWAŻI li l-popli ta' l-Ewropa, filwaqt li jibqgħu kburin bl-identita' u bl-istorja nazzjonali tagħhom, huma determinati li jittraxxendu d-diviżjonijiet ta' qabel tagħhom, u, maqgħudin dejjem aktar, isawru destin komuni;**

L-aktar tibdila li ma l-ewwel daqqa t'għajn ma tagħtix kas tagħha hija li qabel kien jingħad "**uniti aktar fil-qrib**" waqt li issa jingħad "**magħqudin dejjem aktar**".

Dan huwa tibdil li l-ewwel darba kien ifisser li llum huma eqreb lejn xulxin, waqt li kif sar issa saret tfisser li huma dejjem sejrin jingħaqdu iżjed.

Fi kliem ieħor, qiegħed jingħad ċar u tond, għalkemm b'mod fin ħafna, li l-għaqda li hemm bħal issa dejjem trid tkompli tiżviluppa biex dejjem jingħaqdu aktar, u mhux jieqfu kif inhuma issa "**uniti aktar fil-qrib**".

Dan huwa ċar ukoll għaliex jingħad li "**magħqudin dejjem aktar, isawru destin komuni**". Għalhekk biex isawru d-destin komuni jridu jingħaqdu dejjem aktar u mhux jieqfu fl-għaqda kif inhuma issa.

Aħna nistaqsu kif jistgħu il-popli ta' l-Ewropa jibqgħu kburin mill-identitajiet nazzjonali u mill-istorja tagħhom, u hawn mhux se nerġgħu nsemmu l-istorja sewda ta' ħafna minnhom, jekk huma se jkunu biss parti minn Stat Federali Ewopew?

Niftakru li l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss jordnalhom dak kollu li jistgħu u ma jistgħux jagħmlu, imma tinforza fuqhom bilfors mhux biss il-liġijiet u regolamenti tagħha, imma, iriduha u ma jriduhiex, ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea bil-jeddijiet, imma aktar bid-dmirijiet kollha li din iġġib magħha.

Dwar il-kelma "**diviżjonijiet**", għaliha għandna l-kelma "**qasmiet**", imma din kienet forsi tidher daqsxejn kerha għaliex turi l-qasmiet li hemm bejn l-Istati ta' l-Ewropa u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, meta l-Unjoni Ewropea trid tgħaqqad biex iġġib taħt il-kontroll tagħha l-Istati kollha ta' l-Ewropa.

Meta wieħed jibda jara u jqis dawn id-differenzi u kif jingħad il-kliem malajr jinduna kemm trid toqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jingħad, il-mod li jkun qiegħed jingħad, u anki dak li forsi jitħalla barra u ma jingħadx b'makakkerija mill-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Diversita'</u>**

Il-paragrafu li jmiss qabel kien jgħid li,
**"Konvinti li, għaldaqstant bl-unità fid-diversità taghha l-Ewropa toffrilhom l-aħjar opportunità, fir-rispett tad-drittijiet ta' kull individwu u fl-għarfien tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u lejn il-pjaneta, li jimxu 'l quddiem bl-avventura kbira li tagħmilha spazju privileġġjat tat-tama ta' l-umanità,**

Issa sar tibdil kosmetiku li jgħid li,
**PERSWAŻI li, għaldaqstant "Maqgħuda fid-diversita`", l-Ewropa toffri lill-popli ta' l-Ewropa l-aħjar opportunita' fir-rispett tad-drittijiet ta' kull individwu**

**u fl-għarfien tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġenerazzjonijiet futuri u lejn il-pjaneta, li jsegwu l-avventura kbira li tagħmilha spazju privileġġjat ta' tama ta' l-umanita'**

**DETERMINATI li jkomplu x-xogħol li diġa' sar fil-qafas tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi jiżguraw il kontinwita' ta' l-acquis tal-Komunita'**

Dan il-paragrafu m'hemmx x'wieħed jgħid fuqu ħlief li l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħmel ħilitha kollha biex timpressjoni u taħsel l-imħuh biex iċ-ċittadini jħossuhom privileġġjati li jkunu jiffurmaw parti minnha.

Dan juri li s'issa ma rnexxilhiex tagħmel dan, u huwa wkoll sinjal li huma ma jħossuhomx ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea imma ta' pajjiżhom, kif lanqas ma jħossuhom li huma privileġġjati li huma ċittadini tagħha.

Dwar kemm il-popli Ewropej huma "**magħquda fid-diversita'**" diġa' għamilna referenza dwar il-ġlied u gwerer li dejjem kien hemm fl-Ewropa minħabba n-numru kbir ta' razez u popli differenti, u dak li ma sarx f'mijiet u eluf ta' snin mhix se jirnexxilha tagħmlu l-Unjoni Ewropea li nittamaw ma ddumx ma tisfaxxa kif sfaxxaw imperi oħra Ewropej qabilha.

Dwar l-avventura kbira tassew li hija avventura, imma fuq kif **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** flimkien maċ-ċittadini tagħhom jitilfu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom li jittieħdu mill-Unjoni Ewropea.

**<u>Il-Kontinwita' ta' l-Acquis</u>**

Il-paragrafu li jmiss jgħid li,
**DETERMINATI li jkomplu x-xogħol li diġa' sar fil-qafas tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi jiżguraw il-kontinwita' ta' l-acquis tal-Komunita'**

Dan huwa paragrafu ġdid u sar biex l-Istati Membri jidhru magħquda u b'hekk jppruvaw jimpressjonaw liċ-ċittadini tagħhom, speċjalment dawk fejn sejjer isir referendum.

Dan sar ukoll biex juru li huma ma jqisux li sejrin jagħmlu xi ħaġa ġdida, imma jridu jkomplu x-xogħol li kien sar u qiegħed isir mill-Komunitajiet Ewropej u mill-Unjoni Ewropea u jkomplu jżommu fis-seħħ il-liġijiet tagħha.

**<u>Arroganza</u>**

L-aħħar paragrafu jgħid li,
**GRATI LEJN il-membri tal-Konvenzjoni Ewropea talli ppreparaw l-abbozz ta' din il-Kostituzzjoni għan-nom taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa,**

Barra r-radd il-ħajr għall-membri tal-Konvenzjoni li ppreparaw il-Kostituzzjoni, jingħad li din ippreparawha għan-nom taċ-ċittadini u ta' l-Istati ta' l-Ewropa.

L-arroganza enormi ta' l-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tagħha terġa' tidher għaliex dawk li ħadu sehem ma ppreparawx din il-konvenzjoni f'isem l-Istati ta' l-Ewropa imma ta' l-Unjoni Ewropea u f'isem l-Unjoni Ewropea.

Dwar iċ-ċittadini, huwa tassew li kien hemm is-sehem tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, imma ma ppreparawhiex f'isem iċ-ċittadini għaliex ma staqsewx liċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri u ta' dawk li kienu se jsiru Membri jekk iridux li jkun hemm Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea qabel ma qabdu u ppreparawha.
Li tistaqsi u tikkonsulta mar-rappreżentanti tal-gvernijiet, oppożizzjoni u organizzazzjonijiet oħra ma jfissirx li tkun staqsejt liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, għaliex tistaqsihom ifisser li tagħmel referendum biex juru xi jridu.

Din hija l-arroganza u n-nuqqas ta' demokrazija li dejjem imxew biha l-mexxejja federalisti arroganti u mhux demokratiċi ta' l-Unjoni Ewropea sa mit-twaqqif ta' l-ewwel Komunita' Ewropea, fejn huma jiddeċiedu dak li jridu u jiddikjaraw li huma qed jiddeċiedu f'isem iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

**Nomina ta' Plenipotenzjarji**

Wara l-paragrafi tad-daħla jkompli jingħad li,

**INNOMINAW BĦALA PLENIPOTENZJARJI TAGĦHOM:**

**IL-MAESTA' TIEGHU R-RE TAL-BELĠJANI,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ĊEKA,**
**IL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA,**
**IL-MAESTA' TIEGĦU IR-RE TA' SPANJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,**
**IL-PRESIDENT TA' L-IRLANDA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,**
**L-ALTEZZA REJALI TIEGĦU L-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,**
**IL-PRESIDENT TA' MALTA,**
**IL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA TA' L-OLANDA,**
**IL-PRESIDENT FEDERALI TAR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,**
**IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,**
**IL-GVERN TAR-RENJU TA' L-ISVEZJA,**
**IL-MAESTA' TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,**

**Li, wara li skambjaw il-pjeni poteri tagħhom, li kienu fil-forma tajba u dovuta, qablu kif ġej:**

**Insult Ieħor lil Malta**

L-ewwel kumment tagħna huwa li anki f'din il-parti r-referenza hija dwar il-**PRESIDENT TA' MALTA** u mhux **IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA.**

Għaldaqstant, il-kummenti li għamilna qabel dwar l-arroganza u nuqqas ta' rispett lejn ir-Repubblika ta' Malta u lejn iċ-ċittadini Maltin mill-mexxejja federalisti arroganti ta' l-Unjoni Ewropea jgħoddu hawn ukoll.

**Kostituzzjoni għall-Ewropa**

Biex inkomplu, hawnhekk irridu mmorru daqsxejn lura fejn fil-bidu jingħad li dan huwa Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa. Innotaw li ma jingħadx li dan huwa Trattat dwar Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea, imma għall-Ewropa.

Dan il-fatt mhux biss juri l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea u ta' dawk li kienu qegħdin ifasslu dan it-Trattat jew Abbozz, imma juri wkoll il-ħsieb tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri tagħha li jkomplu jifirxu l-ħakma tagħhom fuq l-Ewropa kollha.

Barra minn hekk, il-fatt li jridu jagħmlu Kostituzzjoni jfisser li huma kienu u għadhom qed jagħmlu l-aħħar pass lejn it-twaqqif ta' **Stat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa**, għaliex huwa Stat li normalment ikollu Kostituzzjoni.

Wieħed ma jiskantax li dan qiegħed isir, għaliex jekk jara ftit min huma l-Istati Membri jinduna li l-maġġoranza assoluta tagħhom kienu pajjiżi li qabel kellhom l-Imperu tagħhom li tilfuh wara li l-kolonji tagħhom bdew il-ġlieda qaddisa biex jieħdu l-**Indipendenza u l-Ħelsien** minn taħt il-ħakma kolonjali u imperjalista tagħhom.

Jista' jingħad li wara li tilfu l-kolonji tagħhom, huma kellhom dak l-inċentiv biex aktar jingħaqdu flimkien biex b'mod jew ieħor jerġgħu lura għal dak li kienu qabel, jiġifieri li b'mod jew ieħor jerġgħu jaħkmu lill-ex-kolonji tagħhom, din id-darba minflok ma jkunu kull wieħed għalih, ikunu kollha magħquda fi ħdan organizzazzjoni waħda biex imexxu aħjar l-interessi imperjalisti u kolonjalisti tagħhom.

Għalkemm dan mhux bilfors ifisser okkupazzjoni fiżika tat-territorji ta' l-ex-kolonji tagħhom għaliex tista' tkun ukoll ħakma ekonomika, hawnhekk tidħol ukoll l-armata Ewropea, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewropea, li diġa' bdiet tingħaqad.

Minkejja li għal issa għadha armata żgħira magħmula minn suldati ta' Stati membri, aktar 'il quddiem m'hemmx dubju li tkompli tikber biex issir armata tassew federali ta' Stat Federali.

Din l-armata qiegħda titwaqqaf bl-iskuża li tagħmel interventi ta' natura umanitarja u biex tinżamm il-paċi fejn ikun hemm il-ġlied. Imma jekk dan huwa l-ħsieb, kif jista'

wieħed jgħaqqad dan mal-paċi meta din l-armata trid mhux biss numru kbir ta' suldati, imma hemm il-ħsieb li jkollha **mijiet ta' ajruplani u bastimenti tal-gwerra**? Il-ħsieb wara dawn il-mijiet ta' ajruplani tal-gwerra u bastimenti tal-gwerra inħalluh għalikom, imma aktar 'il quddiem naraw x'hemm fil-Kostituzzjoni fejn l-affarijiet iktar jibdew iħassbukom.

Ħalli nibdew naraw l-Artikli tal-Kostituzzjoni, imma qabel irridu niġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja li jekk iqabblu t-test Ingliż u dak Malti jsibu li min qaleb id-dokument bil-Malti ma kienx fidil fit-traduzzjoni.